

# Il-Ġurnal Uffiċjali L 318 I tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 65

12 ta' Diċembru 2022

Werrej

## II Atti mhux leġiżlattivi

### REGOLAMENTI

- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2428 tat-12 ta' Diċembru 2022 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 359/2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fil-kuntest tas-sitwazzjoni fl-Iran** ..... 1
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2429 tat-12 ta' Diċembru 2022 li jimplimenta r-Regolament (UE) 2017/1509 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea**..... 13
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2430 tat-12 ta' Diċembru 2022 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna** ..... 20

### DEĊIŻJONIJIET

- ★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/2431 tat-12 ta' Diċembru 2022 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea** ..... 25
- ★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/2432 tat-12 ta' Diċembru 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna** ..... 32
- ★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/2433 tat-12 ta' Diċembru 2022 li timplimenta d-Deċiżjoni 2021/235/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet fil-kuntest tas-sitwazzjoni fl-Iran** ..... 36

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agricoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.  
It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.



## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/2428

tat-12 ta' Diċembru 2022

**li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 359/2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fil-kuntest tas-sitwazzjoni fl-Iran**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 359/2011 tat-12 ta' April 2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fil-kuntest tas-sitwazzjoni fl-Iran <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 12(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-12 ta' April 2011, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 359/2011.
- (2) Fil-25 ta' Settembru 2022, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ħareġ dikjarazzjoni fisem l-Unjoni li tikkundanna l-użu mifrux u sproporzjonat tal-forza mill-forzi tas-sigurtà Iranjani kontra dimostrandanti mhux vjolenti, filwaqt li nnota dan kien wassal għal imwiet kif ukoll għadd kbir ta' persuni midruba. Id-dikjarazzjoni spjegat ukoll li daww responsabbli għall-qtil ta' Mahsa Amini jridu jinżammu responsabbli, u appellat lill-awtoritajiet Iranjani biex jiżguraw investigazzjonijiet trasparenti u kredibbli biex jiċċaraw l-għadd ta' persuni mejta u arrestati, biex jeħilsu lid-dimostrandanti mhux vjolenti kollha u biex jipprovdu proċess xieraq lid-detenuiti kollha. Barra minn hekk, id-dikjarazzjoni enfasizzat li d-deċiżjoni tal-Iran li jirrestrinġi b'mod sever l-aċċess għall-Internet u jimblokka pjattaformi ta' messaġġi istantanji tikser b'mod sfaċċat il-libertà tal-espressjoni. Fl-aħħar nett, id-dikjarazzjoni stqarret li l-Unjoni ser tikkunsidra l-għażliet kollha għad-dispożizzjoni tagħha biex tindirizza l-qtil ta' Mahsa Amini u l-mod kif il-forzi tas-sigurtà Iranjani wieġbu għad-dimostrazzjonijiet li segwew.
- (3) F'dan il-kuntest, u f'konformità mal-impenn tal-Unjoni li tindirizza l-kwistjonijiet kollha ta' tħassib mal-Iran, fosthom is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, jenħtieġ li għoxrin persuna u entità waħda jiġu inklużi fil-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 359/2011.
- (4) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 359/2011 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 359/2011 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

<sup>(1)</sup> ĠU L 100, 14.4.2011, p. 1.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Diċembru 2022.

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*  
J. BORRELL FONTELLES

---

Il-persuni u l-entità li ġejjin jiżiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi stabbilita fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 359/2011:

## Persuni

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekar
"136.	JEBELLI Peyman پیمان جبلی	Data tat-twelid: 25.1.1967 Post tat-twelid: Tehran, Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Kariga: Direttur tal-Islamic Republic of Iran Broadcasting (IRIB)	Peyman Jebelli huwa d-Direttur tal-Islamic Republic of Iran Broadcasting (IRIB), li għandha l-fama ħażina ta' leħen ir-reġim.  L-IRIB tillimita serjament u ċċaħħad il-fluss liberu tal-informazzjoni lill-poplu Iranjan. Barra minn hekk, l-IRIB hija involuta attivament fl-organizzazzjoni u x-xandir ta' "ammissjonijiet ta' ħtija" furzati minn persuni li jikkritikaw ir-reġim, miksuba permezz ta' intimidazzjoni u vjolenza ħarxa. Dawn l-"ammissjonijiet ta' ħtija" ta' spiss jixxandru wara protesti pubbliċi, jew qabel eżekuzzjoni bħala mezz biex jitnaqqsu r-reazzjonijiet mill-pubbliku. Bħala Direttur tal-IRIB, Jebelli huwa responsabbli mill-azzjonijiet tal-IRIB kif ukoll mill-kontenut tal-aħbarijiet.  Filwaqt li diversi membri tal-persunal tax-xandir statali ta' profil għoli rriżenjaw reċentement u ċaħdu r-reazzjoni vjolenti tar-reġim Iranjan għall-protesti tal-2022, Jebelli jkompli jaġixxi fil-pożizzjoni tiegħu. Il-ħatra tiegħu bħala direttur tas-sors uffiċjali ewlieni tal-aħbarijiet tal-Iran ġiet awtorizzata mill-Mexxej Suprem Ali Khamenei u tindika prossimità ideoloġika mar-reġim.  Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran	12.12.2022
137.	REZVANI Ali رضوانی علی	Data tat-twelid: 1984 Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Kariga: Reporter u preżentatur tal-aħbarijiet rigward affarijiet politiċi u ta' sigurtà tal-Islamic Republic of Iran Broadcasting (IRIB)	Ali Rezvani huwa reporter għall-Islamic Republic of Iran Broadcasting (IRIB) preżentatur tal-aħbarijiet fuq il-programm tal-aħbarijiet ta' kull filgħaxija tat-20:30 tal-IRIB.  L-IRIB hija organizzazzjoni tal-media Iranjana kkontrollata mill-istat u inkarigata mit-tixrid ta' informazzjoni mill-gvern. Ix-xandir tal-aħbarijiet ta' kull filgħaxija tat-20:30 tal-IRIB, li jġi trażmess fuq il-Kanal 2, huwa l-programm ewlieni tal-aħbarijiet u huwa meqjus bħala l-pjattaforma ewlenija tal-IRIB għall-implimentazzjoni tal-aġendi tal-forzi tas-sigurtà, inkluż il-Ministeru għall-Intelligence (MOIS) u l-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC). Każijiet dokumentati juru li l-aħbarijiet tat-20:30 ixandru ammissjonijiet ta' ħtija furzati.	12.12.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
			<p>Fil-kapaċità tiegħu bħala reporter tal-IRIB, Ali Rezvani jieħu sehem f'interrogazzjonijiet li jwasslu għal ammissjonijiet ta' ħtija furzati, b'hekk jinvolvi ruħu direttament u jiffaċilita ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem. Fil-kapaċità tiegħu bħala preżentatur tal-aħbarijiet tat-20:30, Rezvani jippromwovi l-aġenda tal-forzi tas-sigurtà Iranjani, li tiġġustifika l-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem bħat-tortura u l-arresti u d-detenzjonijiet arbitrari. Rezvani jippromwovi wkoll b'mod persistenti l-propaganda kontra persuni li jikkritikaw ir-reġim sabiex jintimidahom u biex jiġġustifika u jħeġġeġ it-trattament ħażin tagħhom, u b'hekk jikser il-libertà tal-espressjoni ħielsa tagħhom.</p> <p>Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.</p>	
138.	<p>ZABIHPOUR Ameneh Sadat ذبيح پور آمنه سادات</p>	<p>Data tat-twelid: 7.8.1984 Post tat-twelid: Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: mara Kariga: Reporter tal-Islamic Republic of Iran Broadcasting (IRIB) u kap tal-grupp tal-media barranija bil-lingwa Persjana fl-IRIB Nru tal-passaport: 09324611</p>	<p>Ameneh Sadat Zabihpour hija l-kap tal-grupp tal-media barranija bil-lingwa Persjana fl-IRIB, li għandu l-fama ħażina ta' leħen ir-reġim.</p> <p>L-IRIB jillimita serjament u jċaħħad il-fluss liberu tal-informazzjoni lill-poplu Iranjan. Barra minn hekk, l-IRIB huwa involut attivament fl-organizzazzjoni u x-xandir ta' "ammissjonijiet ta' ħtija" furzati minn persuni li jikkritikaw ir-reġim, miksuba permezz ta' intimidazzjoni u vjolenza ħarxa. Dawn l-"ammissjonijiet ta' ħtija" ta' spiss jixxandru wara protesti pubbliċi, jew qabel eżekuzzjoni bħala mezz biex jitnaqqsu r-reazzjonijiet mill-pubbliku.</p> <p>Filwaqt li diversi membri tal-persunal tax-xandir statali ta' profil għoli rriżenjaw reċentement u ċaħdu r-reazzjoni vjolenti tar-reġim Iranjan għall-protesti tal-2022, Zabihpour tkompli taġixxi fil-pożizzjoni tagħha. Hija interrogat lil persuni li jikkritikaw ir-reġim u pproduċiet videos ta' ammissjonijiet ta' ħtija furzati.</p> <p>Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.</p>	12.12.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekar
139.	KHATAMI Seyyed Ahmad خاتمی سید احمد	Data tat-twelid: 8.5.1960 Post tat-twelid: Semnan, l-Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Kariga: Imam għat-talb ta' nhar ta' Ġimgħa, membru tal-Assemblea ta' Esperti għat-Tmexxija	Seyyed Ahmad Khatami huwa membru reliġjuż estremist u imam influwenti għat-talb ta' nhar ta' Ġimgħa f'Tehran. Khatami huwa wkoll membru tal-Assemblea ta' Esperti għat-Tmexxija, entità Iranjana li hija nnifisha tinsab involuta fi ksur tad-drittijiet tal-bniedem peress li żammet lura milli tirrispetta d-dispożizzjonijiet kostituzzjonali.  Bħala membru reliġjuż qrib l-awtoritajiet statali u b'udjenza kbira, huwa juża l-pożizzjoni tiegħu biex jattakka verbalment u jxewwex il-vjolenza kontra d-dimostranti. Huwa mhux biss jiddefendi l-azzjonijiet repressivi tal-forzi tas-sigurtà tal-Iran iżda wkoll, f'diversi okkażjonijiet, ħeġġeġ trattament saħansitra aktar iebes tad-dimostranti, inkluż il-piena tal-mewt.  Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	12.12.2022
140.	MIRAHMADI Seyyed Majid مجید سید میراحمدی	Post tat-twelid: Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Brigadier Ġeneral Kariga: Viċi Ministru għall-Intern tal-Iran	Il-Brigadier Ġeneral Seyyed Majid Mirahmadi huwa l-Viċi Ministru għall-Intern tal-Iran, responsabbli mill-monitoraġġ tal-forzi tas-sigurtà u tal-forzi tal-pulizija tal-Iran, atturi li huma involuti fil-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.  Il-forzi tas-sigurtà u l-forzi tal-pulizija tal-Iran qed irażżnu l-protesti b'mod vjolenti, jisparaw direttament fuq id-dimostranti paċifiċi u jarrestaw b'mod arbitrarju lil persuni b'diżrispett totali għad-drittijiet tal-bniedem tagħhom.  Fid-dikjarazzjonijiet tiegħu, Mirahmadi jirreferi għall-protesti bħala rvellijiet li għandhom jintemmu, jikkriminalizza u jhedded lil dawk li jipparteċipaw fi protesti paċifiċi. Huwa personalment qed jaħbi deliberatament il-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem imwettaq mill-forzi taħt l-awtorità tiegħu, pereżempju, billi jgħid li d-dimostranta ta' 16-il sena Nika Shakrami wettqet suwiċidju. Ir-rapporti jindikaw li huwa ferm probabbli li mietet f'idejn il-forzi tas-sigurtà.  Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	12.12.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
141.	MOUSAVI Sayyed Abdolrahim موسوی سید عبدالرحیم	Data tat-twelid: 1959/1960 Post tat-twelid: Qom, l-Iran Nazjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Maġġur Ġeneral Kariga: Kap kmandant fl-armata Iranjana	Il-Maġġur Ġeneral Sayyed Abdolrahim Mousavi huwa l-Kap kmandant tal-Armata Iranjana. Fil-kapaċità tiegħu jgħorr ir-responsabbiltà għall-involvement tal-Armata Iranjana fir-reazzjoni vjolenti tar-reġim għall-protesti tal-2022.  F'diversi okkazzjonijiet, Mousavi ddeskriva l-protesti fl-Iran bħala rvellijiet organizzati u pjanati mill-għedewwa tal-Iran u b'hekk ppreżenta l-protesti bħala theddida għas-sigurtà nazjonal. Huwa uża lingwaġġ ta' theddid dirett lejn il-parteċipanti fil-moviment ta' protesta. Huwa faħħar ukoll ir-reazzjoni vjolenti tal-forzi tas-sigurtà Iranjani għad-dimostranti u ddeskriviha bħala mezz effettiv biex jiġu newtralizzati l-għedewwa tal-Iran.  Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	12.12.2022
142.	BORMAHANI Mohsen محسن برمهانی	Data tat-twelid: 24.5.1979 Post tat-twelid: Neishabur, l-Iran Nazjonalità: Iranjana Sess: raġel Nru tal-passaport: A54062245 (Iran), jiskadi fit-12.7.2026 Numru tal-identità nazjonal: 1063893488 (Iran) Kariga: Viċi Direttur tal-Islamic Republic of Iran Broadcasting (IRIB)	Mohsen Bormahani huwa l-Viċi Direttur tal-Islamic Republic of Iran Broadcasting (IRIB), li jaġixxi bħala leħen ir-reġim.  Fil-pożizzjoni tiegħu, Bormahani jgħorr ir-responsabbiltà għall-kontenut tal-IRIB. L-IRIB jillimita serjament u jċaħħad il-fluss liberu tal-informazzjoni lejn il-poplu Iranjan. Barra minn hekk, l-IRIB huwa involut attivament fl-organizzazzjoni u x-xandir ta' "ammissjonijiet ta' ħtija" furzati minn persuni li jikkritikaw ir-reġim, miksuba permezz ta' intimidazzjoni u vjolenza ħarxa. Dawn l-"ammissjonijiet ta' ħtija" ta' spiss jixxandru wara protesti pubbliċi, jew qabel eżekuzzjoni bħala mezz biex jitnaqqsu r-reazzjonijiet mill-pubbliku.  Filwaqt li diversi membri tal-persunal tax-xandir statali ta' profil għoli rriżenjaw reċentement u ċaħdu r-reazzjoni vjolenti tar-reġim Iranjan għall-protesti tal-2022 fl-Iran, Bormahani jkompli jaġixxi fil-pożizzjoni tiegħu bħala Viċi Direttur u f'dikjarazzjonijiet reċenti tiegħu ddefenda r-reġim.  Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	12.12.2022



	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
143.	JOKAR Morteza جوکار مرتضا (magħruf ukoll bħala JOWKAR Morteza)	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Kurunell Kariga: viċi kap tal-Forzi tal-Infurzar tal-Liġi (LEF) tal-Iran fil-provinċji ta' Sistan u Baluchestan	Il-Kurunell Morteza Jokar huwa l-viċi kap tal-Forzi tal-Infurzar tal-Liġi tal-Iran (LEF) fil-provinċji ta' Sistan u Baluchestan. Fil-funzjoni tiegħu, huwa responsabbli li dderieġa r-repressjoni vjolenti tad-dimostranti ċivili fil-provinċji ta' Sistan u Baluchestan wara l-mewt ta' Mahsa Amini f'Settembru 2022. Il-forzi taħt il-kmand tiegħu huma responsabbli li sparaw munizzjon attiv fuq id-dimostranti waqt il-massakru tat-30 ta' Settembru 2022 f'Zahedan u l-massakru tal-4 ta' Novembru 2022 f'Khash, fejn mietu u ndarbu għexieren ta' persuni. Twettqu wkoll repressjonijiet vjolenti oħra ta' protesti f'bliet provinċjali oħra (Saravan, Chabahar, Iranshahr, Rask, Sarbaz u oħrajn) taħt il-kontroll tiegħu matul il-ħarifa tal-2022. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	12.12.2022
144.	SOURI Majid سوری مجید	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Kurunell Kariga: Viċi Kmandant tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) fil-provinċja ta' Lorestan	Il-Kurunell Majid Souri huwa l-Viċi Kmandant tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) fil-provinċja ta' Lorestan. Huwa responsabbli mir-repressjoni vjolenti min-naħa tal-forzi tas-sigurtà tal-protesti fl-2022, speċjalment fil-belt ta' Khorramabad fejn inġabru l-persuni biex jibku l-mewt ta' Nika Shakrami, żaġġugħa Iranjana li għebet ftit wara l-mewt ta' Mahsa Amini. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	12.12.2022
145.	KARIMI Mohsen کریمی محسن	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Brigadier Ġeneral Kariga: Kmandant tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) fil-provinċja ta' Markazi	Il-Brigadier Ġeneral Mohsen Karimi huwa l-kmandant tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) fil-provinċja ta' Markazi. Huwa responsabbli mir-repressjoni vjolenti min-naħa tal-forzi tas-sigurtà tal-protesti fl-2022 li wasslet ukoll għall-mewt taż-żagħżuġh ta' 19-il sena Mehrshad Shahidi f'ċentru ta' detenzjoni tal-IRGC f'Arak. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	12.12.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
146.	HEYDARNIA Alireza حیدر نیا علیرضا	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Brigadier Ġeneral Kariga: Kmandant tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) fil-provinċja ta' Alborz	Il-Brigadier Ġeneral Alireza Heydarnia huwa l-Kmandant tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) fil-provinċja ta' Alborz.  L-IRGC huwa responsabbli għar-repressjoni vjolenti tad-dimostranti, b'mod partikolari fil-belt ta' Karaj, f'Alborz fl-2022. F'dik il-belt, il-forzi tas-sigurtà rażżnu d-dimostranti fl-okkażjoni ta' manifestazzjonijiet f'għieh il-vittmi tal-protesti fl-okkażjoni tal-40 jum mill-mewt tagħhom. Fis-17 ta' Ottubru 2022, il-forzi tas-sigurtà f'Karaj ħatfu mill-isptar u stupraw ripetutament lil Armita Abbasi, tfajla ta' 20 sena.  Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	12.12.2022
147.	GARSHASBI Amanollah گرشاسبی امانالله	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Brigadier Ġeneral Kariga: Viċi Kmandant tal-Korp tal-Gwardji Rivoluzzjonarji Iżlamiċi (IRGC) fil-provinċji ta' Sistan u Baluchestan	Il-Brigadier Ġeneral Amanollah Garshasbi huwa l-viċi kmandant tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) fil-provinċji ta' Sistan u Baluchestan. Il-korp provinċjali ta' "Salaman" jinsab taħt il-kmand tiegħu.  Il-provinċji ta' Sistan u Baluchestan raw xi wħud mill-aktar repressjonijiet vjolenti mill-forzi tas-sigurtà Iranjani, inkluż mill-IRGC, matul il-protesti tal-2022. Fit-30 ta' Settembru 2022, il-kapitali tal-provinċja ta' Zahedan rat "il-Ġimgħa mdejmija", meta l-forzi tas-sigurtà fetħu n-nar fuq protesta li ffurmat madwar it-talb tal-Ġimgħa. Huwa stmat li sparaw fuq mill-inqas 70 dimostrant u dawn sfaw maqtula. Minn dakinhar 'l hawn, komplet il-vjolenza kontra l-parteċipanti fi protesti.  Garshasbi għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	12.12.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekar
148.	REYHANI Bahman بهمن ريحانی	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Brigadier Ġeneral Kariga: Viċi kmandant tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) fil-Punent tal-Iran, responsabbli mill-provinċja ta' Kermanshah.	Il-Brigadier Ġeneral Bahman Reyhani huwa l-viċi kmandant tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) fil-Punent tal-Iran, responsabbli mill-provinċja ta' Kermanshah. Il-korp provinċjali ta' "Hazrat Nabi Akram" jinsab taħt il-kmand tiegħu. Il-provinċja ta' Kermanshah rat repressjoni vjolenti mill-forzi tas-sigurtà Iranjani, inkluż mill-IRGC, matul il-protesti tal-2022. Reyhani huwa fost dawk responsabbli għall-vjolenza tal-IRGC kontra d-dimostranti fil-provinċja ta' Kermanshah. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	12.12.2022
149.	SHAHSAVARI Habib شهسواری حبیب	Data tat-twelid: 1963/1964 Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Brigadier Ġeneral Kariga: Kmandant tal-korp provinċjali ta' "Shohada" tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) fil-provinċja tal-Punent tal-Ażerbajġan	Il-Brigadier Ġeneral Habib Shahsavari huwa l-kmandant tal-korp tat-truppi tal-art ta' "Shohada" tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) għall-provinċja tal-Punent tal-Ażerbajġan. It-truppi tal-IRGC taħt il-kmand tiegħu wettqu operazzjonijiet kontra d-dimostranti fir-reġjuni Kurdi tal-Iran. B'mod partikolari, mill-15 ta' Novembru 2022, tali operazzjonijiet twettqu kontra dimostranti fil-bliet ta' Piranshahr, Mahabad u Bukan fil-Punent tal-Ażerbajġan. It-truppi tal-IRGC użaw forza sproporzjonata f'dawn l-operazzjonijiet. Skont l-istimi tal-NGO, l-operazzjonijiet tal-IRGC fil-bliet ta' Mahabad u Bukan qatlu erba' u tnax-il persuna rispettivament. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	12.12.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
150.	ABDOLLAHPOUR Mohammad عبداللهپور محمد	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Brigadier Ġeneral Kariga: Kmandant tal-korp provinċjali ta' Quds tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) fil-provinċja ta' Gilan	Il-Brigadier Ġeneral Mohammad Abdollahpour huwa l-kmandant tal-korp provinċjali ta' Quds tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) fil-provinċja ta' Gilan. Il-provinċja ta' Gilan rat repressjoni vjolenti mill-forzi tas-sigurtà Iranjani, inkluż mill-forzi tal-IRGC taħt il-kmand ta' Abdollahpour, matul il-protesti tal-2022. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	12.12.2022
151.	MOSLEMI Siavash مسلمی سیاوش	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Brigadier Ġeneral Kariga: Kmandant tal-korp provinċjali ta' Karbala tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) fil-provinċja ta' Mazandaran	Il-Brigadier Ġeneral Siavash Moslemi ilu l-kmandant tal-korp provinċjali ta' Karbala tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) fil-provinċja ta' Mazandaran minn Ġunju 2020. Fl-2022, it-truppi tal-IRGC taħt il-kmand tiegħu wettqu operazzjonijiet kontra d-dimostranti u f'dawk l-operazzjonijiet użaw forza sproporzjonata. Bħala kmandant tat-truppi impenjati, Moslemi huwa fost dawk responsabbli għall-vjolenza kontra d-dimostranti. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	12.12.2022
152.	ZULQADR Ahmad ذوالقدر احمد	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Brigadier Ġeneral Kariga: Kmandant tal-korp provinċjali ta' Seyyed al-Shohada" tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) fil-provinċja ta' Tehran	Il-Brigadier Ġeneral Ahmad Zulqadr ilu l-kmandant tal-korp provinċjali ta' Seyyed al-Shohada tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) fil-provinċja ta' Tehran minn Novembru 2020. Huwa wkoll il-viċi kmandant tal-korp tal-IRGC fil-belt ta' Tehran. Skont ir-rapporti tal-media, Zulqadr intgħażel għall-kariga tiegħu speċjalment minħabba li huwa espert fir-repressjoni tal-protesti. Fl-2022, ir-repressjoni tad-dimostranti f'Tehran kienet partikularment vjolenti. Bħala kmandant tat-truppi tal-IRGC impenjati f'din il-vjolenza fuq id-dimostranti, huwa għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	12.12.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
153.	KASHKOULI Morteza کشکولی مرتضی	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Brigadier Ġeneral Kariga: Kmandant tal-korp provinċjali ta' Hazrat Abulfazl tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) fil-provinċja ta' Lorestan	Il-Brigadier Ġeneral Morteza Kashkouli huwa l-kmandant tal-korp provinċjali ta' Hazrat Abulfazl tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) fil-provinċja ta' Lorestan. Fl-2022, it-truppi tal-IRGC taħt il-kmand tiegħu wettqu operazzjonijiet kontra d-dimostranti fir-reġjuni Kurdi tal-Iran. B'mod partikolari, twettqu operazzjonijiet fil-belt ta' Khorramabad ta' Lorestan. It-truppi tal-IRGC użaw forza sproporzjonata f'dawn l-operazzjonijiet u użaw munizzjon attiv fuq id-dimostranti. Bħala kmandant ta' dawk il-forzi tal-IRGC, Kashkouli huwa fost dawk responsabbli għal dik il-vjolenza. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	12.12.2022
154.	BAYAT Isa بیات عیسی	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Kurunell Kariga: Kmandant tat-364 brigata tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) (Shahid Nasirzadeh) f'Mahabad, fil-provinċja tal-Punent tal-Ażerbajġan	Il-Kurunell Isa Bayat ilu kmandant tat-364 brigata tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) (Shahid Nasirzadeh) f'Mahabad, fil-provinċja tal-Punent tal-Ażerbajġan, minn Ġunju 2022. Fl-2022, it-truppi tal-IRGC taħt il-kmand tiegħu wettqu operazzjonijiet militari kontra d-dimostranti fir-reġjuni Kurdi tal-Iran. B'mod partikolari, mill-15 ta' Novembru 2022, tali operazzjonijiet twettqu kontra dimostranti f'Mahabad, bl-użu ta' forza sproporzjonata u wasslu għall-qtil ta' erba' persuni. Bħala kmandant ta' unità tal-IRGC li wettqet dawn l-operazzjonijiet, Bayat huwa responsabbli għall-vjolenza fuq id-dimostranti. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	12.12.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
155.	ASANLOO Mohammad Taghi آسانلو محمد تقی	Post tat-twelid: Provinċja ta' Zanjan, l-Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Brigadier Ġeneral Kariga: Kmandant tal-kwartieri ġenerali reġjonali Hamzeh Seyyed Al-Shohada tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) fil-Majjistral tal-Iran	Il-Brigadier Ġeneral Mohammad Taghi Asanloo huwa l-kmandant tal-kwartieri ġenerali reġjonali Hamzeh Seyyed Al-Shohada tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) fil-Majjistral tal-Iran, responsabbli għall-provinċji ta' Kordestan u l-Punent tal-Ażerbajġan. Il-kwartieri ġenerali ta' "Hamzeh Seyyed Al-Shohada" għandhom il-missjoni speċifika li jwaqqfu l-inkwiet fir-reġjuni Kurdi fil-Majjistral tal-Iran. Fl-2022, taħt il-kmand ta' Asanloo, it-truppi tal-IRGC f'din iż-żona wettqu operazzjonijiet militari kontra d-dimostranti fir-reġjun Kurd tal-Iran. B'mod partikolari, mill-15 ta' Novembru 2022, it-truppi tal-IRGC taħt il-kmand ta' Asanloo wettqu tali operazzjonijiet kontra dimostranti fil-bliet ta' Piranshahr, Mahabad u Bukan. It-truppi tal-IRGC użaw forza sproporzjonata f'dawn l-operazzjonijiet. Skont l-istimi tal-NGO, l-operazzjonijiet tal-IRGC kontra d-dimostranti fir-reġjuni Kurdi wasslu għall-qtil ta' 42 persuna mill-15 ta' Novembru 2022. Bħala kmandant tat-truppi tal-IRGC fir-reġjun, Asanloo huwa responsabbli għall-vjolenza fuq id-dimostranti mwettqa mit-truppi tiegħu. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	12.12.2022".

## Entitajiet

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"12.	Islamic Republic of Iran Broadcasting (IRIB) سازمان صدا و سیماى جمهوری اسلامی ایران	Indirizz: Jamejam Street, Valiasr Avenue, 19395-3333 Tehran, Iran Tip ta' entità: kumpannija tax-xandir ta' proprjetà tal-istat Entitajiet assoċjati oħra: Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC)	Islamic Republic of Iran Broadcasting (IRIB) hija kumpannija tax-xandir ta' proprjetà tal-istat li għandha l-fama ta' leħen ir-reġim. L-IRIB hija responsabbli għall-produzzjoni u x-xandir tal-ammissjonijiet ta' ħtija furzati tad-detenu, inkluż il-ġurnalisti, l-attivisti politiċi u persuni li jagħmlu parti mill-minoranzi Kurdi u Għarab, b'hekk tikser id-drittijiet internazzjonali rikonoxxuti għal smiġh ġust u proċess korrett. L-IRIB għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	12.12.2022".

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/2429****tat-12 ta' Diċembru 2022****li jimplimenta r-Regolament (UE) 2017/1509 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1509 tat-30 ta' Awwissu 2017 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 329/2007<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 47 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-30 ta' Awwissu 2017, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2017/1509.
- (2) Fil-konklużjonijiet tiegħu tas-17 ta' Lulju 2017, il-Kunsill iddikjara li l-Unjoni kienet ser tqis rispons xieraq ulterjuri għall-azzjonijiet tar-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea ("RDPK") li jdgħajfu r-reġim globali tan-nonproliferazzjoni u d-diżarm, b'mod partikolari permezz ta' miżuri restrittivi awtonomi addizzjonali.
- (3) Fit-22 ta' Diċembru 2017, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (KSNU) adotta r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (UNSCR) 2397 (2017), fejn afferma mill-ġdid li r-RDPK ma għandhiex twettaq aktar illanċjar bl-użu tat-teknoloġija tal-missili ballistiċi, testijiet nukleari, jew kwalunkwe provokazzjoni oħra; għandha immedjatament tissospendi l-attivitajiet kollha marbuta mal-programm tal-missili ballistiċi tagħha u f'dak il-kuntest tistabbilixxi mill-ġdid l-impenji eżistenti minn qabel għal moratorju fuq l-illanċjar kollu tal-missili; għandha immedjatament tabbanduna l-armi nukleari kollha u l-programmi nukleari eżistenti kollha b'mod sħiħ, verifikabbli u irriversibbli, u immedjatament twaqqaf l-attivitajiet kollha relatati; u għandha tabbanduna kwalunkwe arma eżistenti oħra ta' qerda massiva u programmi ta' missili ballistiċi b'mod sħiħ, verifikabbli u irriversibbli.
- (4) Bejn il-5 ta' Jannar u t-18 ta' Novembru 2022, ir-RDPK illanċjat mill-inqas 63 missila ballistika, inkluż diversi missili ballistiċi interkontinentali.
- (5) Fil-5 ta' Novembru 2022, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ("ir-Rappreżentant Għoli") ħareġ dikjarazzjoni f'isem l-Unjoni fejn ikkundanna ż-żieda sinifikanti tal-isparar ta' missili illegali mir-RDPK, fosthom missila ballistika interkontinentali u missila ballistika ta' medda qasira li waqgħet 'l isfel mil-Linja ta' Demarkazzjoni tat-Tramuntana. Ir-Rappreżentant Għoli ddikjara li daww l-azzjonijiet irrappreżentaw eskalazzjoni perikoluża fil-ksur mir-RDPK tal-UNSCRs u turija allarmanti tal-intenzjoni tar-RDPK li tkompli ddghajef ir-reġim globali tan-nonproliferazzjoni, li hija ta' theddida serja għan-nazzjonijiet kollha u ddghajef il-paċi u s-sigurtà internazzjonali u regionalni. Ir-Rappreżentant Għoli ddikjara wkoll li daww l-azzjonijiet jitolbu rispons reżolut mill-KSNU u appella għall-implimentazzjoni sħiħa tas-sanzjonijiet li jipprevjenu lir-RDPK milli takkwista finanzjament, għarfien u materjali li jappoġġaw il-programm illegali tagħha għall-armi. Fid-19 ta' Novembru 2022, ir-Rappreżentant Għoli ħareġ dikjarazzjoni oħra f'isem l-Unjoni, fejn ikkundanna l-illanċjar ta' missila ballistika interkontinentali mir-RDPK li waqgħet fiż-żona ekonomika esklużiva tal-Ġappun fit-18 ta' Novembru u reġa' appella lir-RDPK biex tikkonforma mal-obbligi tagħha skont l-UNSCRs. Ir-Rappreżentant Għoli tenna wkoll il-ħtieġa għal rispons xieraq mill-KSNU u fakkar fid-dmir li l-Membri kollha tan-NU għandhom jieħdu azzjoni biex jimplimentaw bis-sħiħ is-sanzjonijiet imposti mill-KSNU.

(<sup>1</sup>) ĠU L 224, 31.8.2017, p. 1.

- (6) Fid-dawl tal-fatt li r-RDPK kompliet bl-attivitajiet tagħha marbuta mal-missili ballistiċi, bi ksur tal-UNSCRs rilevanti u b'nuqqas ta' rispett lejhom b'mod sfaċċat, jenħtieġ li tmien individwi u erba' entitajiet (inkluż żewġ bastimenti) jiġu inklużi fil-lista tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi stabbilita fl-Annessi XV u XVI għar-Regolament (PEŠK) 2017/1509.
- (7) Għalhekk ir-Regolament (UE) 2017/1509 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Annessi XV u XVI tar-Regolament (UE) 2017/1509 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Diċembru 2022.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. BORRELL FONTELLES

---



Ir-Regolament (UE) 2017/1509 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Anness XV huwa emendat kif ġej:

(a) taħt l-intestatura "(a) Persuni fiżiċi indikati f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 34(4)", jinżiedu l-entrati li ġejjin:

	Isem (u alternattivi possibbli)	Pseudonimu	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tad-deżinjazzjoni	Raġunijiet
32.	KIM Kwang Yon 김광연		Data tat-twelid: 30.7.1966 Ċittadinanza: DPRK Sess: raġel Numru tal-Passaport: 563210059 (skada fl-2018); 654410104 (skada fl-2019)	12.12.2022	Fil-kapaċità tiegħu bħala rappreżentant għall-Korea Mining Development Trading Corporation (KOMID) fl-Afrika t'Isfel, KIM Kwang Yon jieħu sehem f'attivitajiet għal entità ddeżinjata fl-24 ta' April 2009 mill-Kumitat stabbilit skont l-UNSCR1718 (2006) bħala involuta fil-programmi tar-RDPK marbuta man-nukleari, ma' missili ballistiċi jew ma' armi oħrajn ta' qerda massiva, jew li tagħti appoġġ lil tali programmi. Għalhekk, huwa direttament involut fil-forniment ta' fondi u provvisti għall-programmi tar-RDPK marbuta man-nukleari, ma' missili ballistiċi jew ma' armi oħrajn ta' qerda massiva.
33.	KIM Su Il 김수일		Data tat-twelid: 4.3.1985 Ċittadinanza: DPRK Sess: raġel Numru tal-Passaport: 108220348;745220480 Indirizz: Ho Chi Minh, Vietnam	12.12.2022	Sa mill-2016, KIM Su Il kien aġent fil-Vjetnam għad-Dipartiment tal-Industrija tal-Munizzjon, fejn wettaq attivitajiet ekonomiċi, kummerċjali, ta' tħaffir u ta' tbaħħir assoċjati mal-attivitajiet kummerċjali tad-Dipartiment għal introjtu f'munita barranija għar-RDPK. Huwa involut fl-esportazzjoni ta' prodotti tar-RDPK bħall-antraċit u l-konċentrat tat-titanju. Huwa kelli wkoll introjtu f'munita barranija billi importa u esporta materja prima minn u lejn ir-RDPK u esporta oġġetti Vjetnamiżi lejn iċ-Ċina u pajjiżi oħra. Għalhekk huwa responsabbli għall-attivitajiet finanzjarji li jappoġġaw il-programmi nukleari u ballistiċi tar-RDPK.
34.	PAK Kwang Hun 박광훈	BAK Gwang Hun	Data tat-twelid: 1970 Ċittadinanza: DPRK Sess: raġel	12.12.2022	Fil-kapaċità tiegħu bħala rappreżentant għall-Korea Ryonborg General Corporation (Ryonborg), PAK Kwang Hun jieħu sehem f'attivitajiet għal entità ddeżinjata fl-24 ta' April 2009 mill-Kumitat stabbilit skont l-UNSCR1718 (2006) bħala involuta fil-programmi tar-RDPK marbuta man-nukleari, ma' missili ballistiċi jew ma' armi oħrajn ta' qerda massiva, jew li tagħti appoġġ lil tali programmi. Għalhekk, huwa direttament involut fil-forniment ta' fondi u provvisti għall-programmi tar-RDPK marbuta man-nukleari, ma' missili ballistiċi jew ma' armi oħrajn ta' qerda massiva.

	Isem (u alternattivi possibbli)	Pseudonimu	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tad-deżinjazzjoni	Raġunijiet
35.	KIM Ho Kyu 김호규	KIM Ho Gyu	Data tat-twelid: 15.9.1970 Ċittadinanza: DPRK Sess: raġel Indirizz: DPRK Consulate General in Nakhodka, Russian Federation Funzjoni jew professjoni: Rappreżentant għall-Korea Ryonbong General Corporation (Ryonbong) Viċi Konslu fil-Konsolat Ġenerali tar-RDPK f'Nakhodka, Federazzjoni Russa	12.12.2022	Fil-kapaċità tiegħu bħala rappreżentant għall-Korea Ryonborg General Corporation (Ryonborg), KIM Ho Kyu jieħu sehem f'attivitajiet għal entità ddeżinjata fl-24 ta' April 2009 mill-Kumitat stabbilit skont l-UNSCR 1718 (2006) bħala involuta fil-programmi tar-RDPK marbuta man-nukleari, ma' missili ballistiċi jew ma' armi oħrajn ta' qerda massiva, jew li tagħti appoġġ lil tali programmi. Għalhekk, huwa direttament involut fil-forniment ta' fondi u provvisti għall-programmi tar-RDPK marbuta man-nukleari, ma' missili ballistiċi jew armi oħrajn ta' qerda massiva.
36.	JONG Yong Nam 정영남		Data tat-twelid: 26.1.1966 Ċittadinanza: DPRK Sess: raġel Numru tal-Passaport: PS 927120050 Indirizz: Minsk, Belarus Funzjoni jew professjoni: Rappreżentant f'Minsk tas-Second Academy of Natural Sciences tar-RDPK	12.12.2022	Fil-kapaċità tiegħu bħala rappreżentant f'Minsk, il-Belarusija, ta' organizzazzjoni b'rabtiet diretti mas-Second Academy of Natural Sciences fir-RDPK, JONG Yong Nam jieħu sehem f'attivitajiet għal entità sanzjonata kif jinsab fil-UNSCR 2094 (2013). Din l-entità hija magħrufa għall-attivitajiet ta' proliferazzjoni tagħha li huma ta' benefiċċju fil-programmi tar-RDPK marbuta man-nukleari, ma' missili ballistiċi jew ma' armi oħrajn ta' qerda massiva. Għalhekk, huwa direttament involut fil-forniment ta' fondi u provvisti għall-programmi tar-RDPK marbuta man-nukleari, ma' missili ballistiċi jew armi oħrajn ta' qerda massiva."

(b) taħt l-intestatura "(b). Persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi indikati f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 34(4)", tinżied l-entrata li ġejja:

	Isem (u alternattivi possibbli)	Pseudonimu	Post	Data tad-deżinjazzjoni	Raġunijiet
"6.	Ministry of Rocket Industry (Ministeru għall-Industrija tar-Rokits) 1. 로켓공업부	Rocket Industry Department (Dipartiment tal-Industrija tar-Rokits)	Pyongchon, DPRK	12.12.2022	Il-Bord ta' Esperti tan-NU rċieva informazzjoni dwar individwu impjegat mal-kumpanji marbuta mal-Ministeru għall-Industrija tar-Rokits li huwa involut fl-akkwist ta' fondi permezz tal-bejgħ ta' applikazzjonijiet ta' hacking permezz tal-voice-phishing. Il-Bord ta' Esperti tan-NU rċieva wkoll informazzjoni minn diversi Stati Membri tan-NU dwar individwu li qed jakkwista trab tal-aluminju u komoditajiet oħrajn magħrufa li jintużaw fi propellant tal-fjuwil solidu għall-Industrija tar-Rokits. Il-Bord tan-NU jirrapporta li l-Ministeru għall-Industrija tar-Rokits huwa aġenzija tad-Dipartiment tal-Industrija tal-Munizzjon. Billi d-Dipartiment tal-Industrija tal-Munizzjon huwa responsabbli għall-iżvilupp tat-teknoloġija nukleari u tal-missili, il-finanzjament akkwistat mill-Ministeru għall-Industrija tar-Rokits jista' jintuża biex jappoġġa l-iżvilupp tat-teknoloġija nukleari u tal-missili pprojbata mill-UNSCRs."

(c) jinżiedu l-intestaturi li ġejjin:

"(d) Persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi indikati f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 34(4)

(e) Persuni fiżiċi indikati f'konformità mal-punt (c) tal-Artikolu 34(4)";

(d) jinżiedu l-intestaturi u l-entrati li ġejjin:

"(f) Persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi elenkati f'konformità mal-punt (c) tal-Artikolu 34(4)

	Isem	Magħruf ukoll bħala	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tad-deżinjazzjoni	Raġunijiet
1.	Unica		Tip ta' bastiment: bastiment ta' kunsinna, tanker taż-żejt Post prinċipali tan-negozju: Ir-RDPK, ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina OMI: 8514306	12.12.2022	It-tanker taż-żejt u l-bastiment ta' kunsinna Unica jipparteċipa b'mod attiv fit-trasferimenti ta' żejt raffinat minn vapur għal ieħor u fil-ħasil tal-identità ta' bastimenti sabiex effettivament jikkonsenja żejt raffinat lir-RDPK, bi ksur tal-UNSCR 2397 (2017). L-Unica huwa regolarment ikkwotat mill-Bord ta' Esperti tan-NU skont l-UNSCR 1874 (2009) għad-deżinjazzjoni mill-Kumitat. Għalhekk, l-Unica huwa involut fi provvisti li jistgħu jikkontribwixxu għall-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi jew ma' armi oħrajn ta' qerda massiva.

	Isem	Magħruf ukoll bħala	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tad-deżinjazzjoni	Raġunijiet
2.	New Konk		<p>Tip ta' bastiment: bastiment ta' kunsinna, tanker taż-żejt</p> <p>Sid: New Konk Ocean International Company Limited</p> <p>Post prinċipali tan-negozju: Ir-RDPK, ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina</p> <p>OMI: 9036387</p>	12.12.2022	<p>It-tanker taż-żejt u l-bastiment ta' kunsinna New Konk jipparteċipa b'mod attiv fit-trasferimenti ta' żejt raffinat minn vapur għal ieħor u fil-ħasil tal-identità ta' bastimenti sabiex effettivament jikkonsenja żejt raffinat lir-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea, bi ksur tal-UNSCR 2397 (2017). In-New Konk huwa regolarment ikkwotat mill-Bord ta' Esperti tan-NU skont l-UNSCR 1874 (2009) għad-deżinjazzjoni mill-Kumitat.</p> <p>Għalhekk, in-New Konk huwa involut fi provvisti li jistgħu jikkontribwixxu għall-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi jew ma' armi oħrajn ta' qerda massiva.”</p>

(2) L-Anness XVI huwa emendat kif ġej:

(a) taħt l-intestatura "(a) Persuni fiżiċi", jinżiedu l-entrati li ġejjin:

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tad-deżinjazzjoni	Raġunijiet
"29.	KIL Jong Hun	<p>Data tat-twelid: 7.8.1965 / 20.2.1972</p> <p>Numru tal-passaport: 563410081 / 472410022</p> <p>Ċittadinanza: DPRK</p> <p>Sess: raġel</p>	12.12.2022	<p>Fil-kapaċità tiegħu ta' rappreżentant għall-Korea Mining Development Trading Corporation (KOMID), Kil Jong Hun huwa responsabbli għall-ġhajnuna mogħtija fl-akkwist tal-armi mill-Guinea Ekwatorjali, u b'hekk qed jevita l-embargo internazzjonali fuq l-armi kif jinsab fil-UNSCRs rilevanti. Ilu taħt sanzjonijiet tal-Istati Uniti mill-2015. Qabel kien impjegat bħala r-rappreżentant tal-entità deżinjata KOMID fin-Namibja taħt status diplomatiku, huwa fetaħ kont bankarju fl-Afrika t'Isfel. Bis-saħħa tal-pożizzjoni tiegħu, għadu għaddej bl-attivitajiet tiegħu ta' proliferazzjoni għall-KOMID, u qed jipprovdi fondi siewja lir-RDPK minkejja s-sanzjonijiet internazzjonali.</p>
30.	PYON Kwang Chol	<p>Data tat-twelid: 16.9.1964</p> <p>Ċittadinanza: DPRK</p> <p>Sess: raġel</p>	12.12.2022	<p>Fil-kapaċità tiegħu bħala viċi rappreżentant għal kumpanija suspettata fittizja għas-Second Academy of Natural Sciences f'Dalian (iċ-Ċina), PYON Kwang Chol jieħu sehem f'attivitajiet għal entità sanzjonata kif jinsab fil-UNSCR 2094 (2013). Din l-entità hija magħrufa għall-attivitajiet ta' proliferazzjoni tagħha li huma ta' benefiċċju għall-programmi tar-RDPK marbuta man-nukleari, ma' missili ballistiċi jew ma' armi oħrajn ta' qerda massiva. Għalhekk, huwa direttament involut fil-forniment ta' fondi u provvisti għall-programmi tar-RDPK marbuta man-nukleari, ma' missili ballistiċi jew armi oħrajn ta' qerda massiva.</p>

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tad-deżinjazzjoni	Raġunijiet
31.	O Yong Ho	Data tat-twelid: 25.12.1961 Numru tal-passaport: 108410041 Ċittadinanza: DPRK Sess: raġel	12.12.2022	Fil-kapaċità tiegħu bħala rappreżentant f'Moska, il-Federazzjoni Russa, b'rabtiet diretti mas-Second Academy of Natural Sciences, O Yong Ho, bi status diplomatiku, jieħu sehem f'attivitajiet għal entità sanzjonata kif jinsab fil-UNSCR 2094 (2013). Din l-entità hija magħrufa għall-attivitajiet ta' proliferazzjoni tagħha li huma ta' benefiċċju għall-programmi tar-RDPK marbuta man-nukleari, ma' missili ballistiċi jew ma' armi oħrajn ta' qerda massiva. Għalhekk, huwa direttament involut fil-forniment ta' fondi u provvisti għall-programmi tar-RDPK marbuta man-nukleari, ma' missili ballistiċi jew armi oħrajn ta' qerda massiva."

(b) taħt l-intestatura "Persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi", tinżied l-entrata li ġejja:

	Isem (u ismijiet oħrajn possibbli)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tad-deżinjazzjoni	Raġunijiet
"9.	Korea Rounsán Trading Corporation 로은산무역회사		12.12.2022	Il-Korean Rounsán Trading Corporation hija kumpanija subordinata tal-Ministeru għall-Industrija tar-Rokits tar-RDPK. Għalhekk, l-entità hija direttament involuta fl-ghajjuna li tagħti għall-programmi tar-RDPK marbuta man-nukleari, ma' missili ballistiċi jew armi oħrajn ta' qerda massiva. Il-kumpanija hija partikolarment involuta fl-istabbiliment ta' impriżi konġunti fir-RDPK, billi tippromwovi proġetti fuq skala kbira ma' kumpaniji Ċiniżi, tibgħat ħaddiema mir-RDPK, u timmaniġġa l-akkwist ta' tagħmir kbir Ewropew."

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/2430****tat-12 ta' Diċembru 2022****li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 269/2014.
- (2) L-Unjoni tibqa' soda fl-appoġġ tagħha għas-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna.
- (3) L-Iran jipprova appoġġ militari għall-gwerra ta' aggressjoni mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna. Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni, il-Kunsill iqis li erba' individwi u erba' entitajiet involuti fl-iżvilupp u l-kunsinna ta' Vetturi tal-Ajru Mingħajr Ekwipaġġ lir-Russja jenħtieġ li jiżdiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014.
- (4) Jenħtieġ għalhekk li r-Regolament (UE) Nru 269/2014 jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014 huwa emendat skont l-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidhrol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Diċembru 2022.

Għall-Kunsill

Il-President

J. BORRELL FONTELLES

---

<sup>(1)</sup> ĠUL 78, 17.3.2014, p. 6.

## ANNEX

Il-persuni u l-entitajiet li ġejjin jinżiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014:

## Persuni

	Ismijiet	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
"1268.	Yousef ABOUTALEBI يوسف ابوطالبي	Data tat-twelid: 29.5.1983 Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Pożizzjoni: Direttur maniġerjali ta' OJE Parvaz Mado Nafar Company (Mado)	Yousef Aboutalebi huwa d-direttur maniġerjali ta' OJE Parvaz Mado Nafar Company (Mado) elenkata mill-UE, kumpanija bbażata fl-Iran speċjalizzata fil-manifattura ta' komponenti ta' vVtturi tal-Ajru mingħajr Ekwipaġġ (UAV) u fl-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' oġġetti kummerċjali.  MADO hija affiljata mal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC). Permezz ta' Mado, Aboutalebi akkwista magni ta' UAVs maħsuba għall-użu militari mill-IRGC u minn entitajiet marbuta mal-IRGC.  Magni manifatturati minn Mado nstabu fl-UAVs Iranjani Shahed-136 użati mill-Federazzjoni Russa fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna.  Għalhekk, Yousef Aboutalebi qed jappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna.	12.12.2022
1269.	Ali Reza BALALI عليرضا بلالی	Nazzjonalità: Iranjana  Sess: raġel  Grad: Brigadier Ġeneral  Pożizzjoni: Uffiċjal  tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika u konsulent għall-kap tal-Forza Ajruspazjali (IRGC AF), Amir Ali Hajizadeh	Il-Brigadier Ġeneral Ali Reza Balali huwa uffiċjal tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) u konsulent għall-kap tal-Forza Ajruspazjali tal-IRGC (IRGC AF), elenkat mill-UE, Amir Ali Hajizadeh.  Balali organizza u ppromwova avveniment biex jintwerew Vetturi tal-Ajru militari mingħajr Ekwipaġġ (UAVs) u jsir taħtriġ b'dawn il-vetturi f'Kashan, l-Iran f'Awwissu 2022, li għalih ġew mistiedna u li fih ipparteċipaw il-forzi Russi. B'dan il-mod, huwa appoġġa lill-forzi Russi fl-użu ta' UAVs Iranjani fil-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna.  Għalhekk, il-Brigadier Ġeneral Amir Ali Hajizadeh qed jappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna.	12.12.2022

	Ismijiet	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
1270.	Abdollah MEHRABI عبدالله مهرايى	Data tat-twelid: 22.12.1961 Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Brigadier Ġeneral Pożizzjoni: Kap tar-Research and Self-Sufficiency Jihad Organization tal-Forza Aerospazjali tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC AF)	Il-Brigadier Ġeneral Abdollah Mehrabi huwa l-kap tar-Research and Self-Sufficiency Jihad Organization tal-Forza Ajruspazjali tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC AF) u ex-koproprjetarju ta' OJE Parvaz Mado Nafar Company (Mado) elenkata mill-UE. Mehrabi akkwista magni ta' Vetturi tal-Ajru mingħajr Ekwipaġġ (UAV) minn Mado għall-użu mill-IRGC AF Research and Self-Sufficiency Jihad Organization. Il-magni manifatturati minn Mado nstabu fl-UAVs Iranjani Shahed-136 użati mill-Federazzjoni Russa fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għaldaqstant, il-Brigadier Ġeneral Abdollah Mehrabi qed jappoġġa azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	12.12.2022
1271.	Hamid VAHEDI حميد واحدى	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Brigadier Ġeneral Pożizzjoni: Kap Kmandant tal-Forza tal-Ajru Iranjana	Il-Brigadier Ġeneral Hamid Vahedi huwa l-Kap Kmandant tal-Forza tal-Ajru Iranjana. F'din il-pożizzjoni, huwa involut fit-teħid ta' deċiżjonijiet dwar il-programm Iranjan ta' Vetturi tal-Ajru mingħajr Ekwipaġġ (UAV), l-espertazzjonijiet ta' UAVs u l-kooperazzjoni fil-qasam tad-difiża mal-Federazzjoni Russa f'dan il-qasam, li kollha wasslu biex l-UAVs Iranjani jintużaw mill-Federazzjoni Russa fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għaldaqstant, il-Brigadier Ġeneral Hamid Vahedi qed jappoġġa azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	12.12.2022".



## Entitajiet

	Ismijiet	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
“122.	Design and Manufacturing of Aircraft Engines (DAMA)  طراحی و ساخت موتور هواپیما	Indirizz: Shishesh Mina Street, Karaj Special Road, Tehran, Iran  Numru tar-reġistrazzjoni: 14005160213  Post prinċipali tan-negozju: L-Iran	Design and Manufacturing of Aircraft Engines (DAMA) hija kumpannija Iranjana  DAMA hija involuta fir-riċerka, l-iżvilupp u l-produzzjoni tal-programm ta' Vetturi tal-Ajru mingħajr Ekwipaġġ (UAVs) Iranjani Shahed-171, li huwa proprjetà tal-Forza Ajruspazjali tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC AF). DAMA hija kumpannija faċċata li wettqet attivitajiet ta' akkwist bil-moħbi għal Aircraft Manufacturing Industries tal-Iran (HESA), entità affiljata mal-Ministeru għad-Difiża u l-Loġistika tal-Forzi Armati tal-Iran (MODAFL) .  L-Iran biegħ diversi tipi ta' UAV lill-Federazzjoni Russa, inkluż Shahed-171, żviluppati minn DAMA. Il-UAVs Shahed-171 intużaw mill-Federazzjoni Russa fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna.  Għalhekk, DAMA qed tappoġġa b'mod materjali azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	12.12.2022
123.	Islamic Revolutionary Guard Corps Research and Self-Sufficiency Jihad Organization (IRGC SSJO)  سازمان جهاد خودکفایی و تحقیقات سپاه	Indirizz: Teheran u Isfahan, l-Iran  Tip ta' entità: Kuntrattur militari  Post tar-reġistrazzjoni: Tehran, l-Iran  Data tar-reġistrazzjoni: 1993  Post prinċipali tan-negozju: L-Iran  Entitajiet assoċjati oħra: Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC)	L-Islamic Revolutionary Guard Corps Research and Self-Sufficiency Jihad Organization (IRGC SSJO) hija unità ta' riċerka u żvilupp li tiżviluppa u timmanifattura radar li jippenetra l-art, sistemi ta' komunikazzjoni, armi, vetturi tal-ġlied u tagħmir elettroniku tal-gwerra ċibernetika.  Bħala parti mill-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC), l-IRGC SSJO kienet involuta f'attivitajiet ta' riċerka u żvilupp u ta' akkwist marbuta mal-iżvilupp tal-Vetturi tal-Ajru mingħajr Ekwipaġġ (UAVs) Iranjani, li wħud minnhom qed jintużaw mill-Federazzjoni Russa fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna.  Għalhekk, l-IRGC SSJO qed tappoġġa b'mod materjali azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	12.12.2022

	Ismijiet	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-ejenkar
124.	Oje Parvaz Mado Nafar Company (Mado) (شركة اوژه پرواز مادو نفر مادو) Magħrufa wkoll bħala: Owj Parvaz Mado Nafar Company LLC	Indirizz: Qom, No. 1106, 11 Hemmat Corner, Hemmat Square, Hemmat Boulevard, Shokuhieh Industrial Town, Qom Province, 3718116354, Iran	OJE Parvaz Mado Nafar Company (Mado) hija kumpanija bbażata fl-Iran speċjalizzata fil-manifattura ta' komponenti ta' vetturi tal-ajru mingħajr ekwipaġġ (UAV).  MADO pproduċiet magni ta' UAVs għal entitajiet marbuta mal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC), inkluż magni użati UAVs Shahed-136. UAVs Shahed-136 qed jintużaw mill-Federazzjoni Russa fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna, taħt l-isem Geran-2.  Għaldaqstant, Mado qed tappoġġa b'mod materjali azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	12.12.2022
125.	Paravar Pars Company شركة پراور پارس Magħrufa wkoll bħala: Paravar Pars Aerospace Research and Engineering Services; Paravar Pars Aerospace Research Institute; Paravar Pars Engineering and Services Aerospace Research Company; Paravar Pars; ParavarPars; Pravarpars Engineering Research and Design Company	Post prinċipali tan-negozju: 13-il km minn Shahid Babaei Highway, wara l-Università Imam Hossein, maġenb Telo Road, Tehran, l-Iran  Email: info@paravar-pars.com	Paravar Pars Company hija assoċjata mill-qrib mal-Università Imam Hossein, li hija kkontrollata mill-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC).  Paravar Pars Company iproduċiet Vetturi tal-Ajru mingħajr Ekwipaġġ (UAVs) għall-Forza Ajruspazjali tal-IRGC (IRGC AF) u ttestjat UAVs għall-Forza Navali tal-IRGC. B'mod partikolari, Paravar Pars Company kienet involuta fir-riċerka, l-iżvilupp u l-produzzjoni tal-UAVs Shahed-171 Iranjan żviluppati mill-IRGC AF. L-UAVs Shahed-171 prodotti fl-Iran jintużaw mill-Federazzjoni Russa fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna.  Għalhekk, Paravar Pars Company għandha tappoġġa b'mod materjali azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	12.12.2022".

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/2431

tat-12 ta' Diċembru 2022

### li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-27 ta' Mejju 2016, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 <sup>(1)</sup>.
- (2) Fil-konklużjonijiet tiegħu tas-17 ta' Lulju 2017, il-Kunsill iddikjara li l-Unjoni kienet ser tqis rispons xieraq ulterjuri għall-azzjonijiet tar-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea (RDPK) li jdgħajfu r-reġim globali tan-nonproliferazzjoni u d-diżarm, b'mod partikolari permezz ta' miżuri restrittivi awtonomi addizzjonali.
- (3) Fit-22 ta' Diċembru 2017, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (KSNU) adotta r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (UNSCR) 2397 (2017), fejn afferma mill-ġdid li r-RDPK ma għandhiex twettaq aktar illanċjar bl-użu tat-teknoloġija tal-missili ballistiċi, testijiet nukleari, jew kwalunkwe provokazzjoni oħra; għandha immedjatament tissospendi l-attivitajiet kollha marbuta mal-programm tal-missili ballistiċi tagħha u f'dak il-kuntest tistabbilixxi mill-ġdid l-impenji eżistenti minn qabel għal moratorju fuq l-illanċjar kollu tal-missili; għandha immedjatament tabbanduna l-armi nukleari kollha u l-programmi nukleari eżistenti kollha b'mod sħiħ, verifikabbli u irriversibbli, u immedjatament twaqqaf l-attivitajiet kollha relatati; u għandha tabbanduna kwalunkwe arma eżistenti oħra ta' qerda massiva u programmi ta' missili ballistiċi b'mod sħiħ, verifikabbli u irriversibbli.
- (4) Bejn il-5 ta' Jannar u t-18 ta' Novembru 2022, ir-RDPK illanċjat mill-inqas 63 missila ballistika, inkluż diversi missili ballistiċi interkontinentali.
- (5) Fil-5 ta' Novembru 2022, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"Rappreżentant Għoli") ħareġ dikjarazzjoni fisem l-Unjoni fejn ikkundanna ż-żieda sinifikanti tal-isparar ta' missili illegali mir-RDPK, fosthom missila ballistika interkontinentali u missila ballistika ta' medda qasira li waqgħet 'l isfel mil-Linja ta' Demarkazzjoni tat-Tramuntana. Ir-Rappreżentant Għoli ddikjara li daww l-azzjonijiet irrappreżentaw eskalazzjoni perikoluża fil-ksur mir-RDPK tal-UNSCRs u turija allarmanti tal-intenzjoni tar-RDPK li tkompli ddghajef ir-reġim globali tan-nonproliferazzjoni, li hija ta' theddida serja għan-nazzjonijiet kollha u ddghajef il-paċi u s-sigurtà internazzjonali u reġjonali. Ir-Rappreżentant Għoli ddikjara wkoll li daww l-azzjonijiet jitolbu rispons reżolut mill-KSNU u appella għall-implimentazzjoni sħiħa tas-sanzjonijiet li jipprevjenu lir-RDPK milli takkwista finanzjament, għarfien u materjali li jappoġġaw il-programm illegali tagħha għall-armi. Fid-19 ta' Novembru 2022, ir-Rappreżentant Għoli ħareġ dikjarazzjoni oħra fisem l-Unjoni, fejn ikkundanna l-illanċjar ta' missila ballistika interkontinentali mir-RDPK li waqgħet fiż-żona ekonomika esklużiva tal-Ġappun fit-18 ta' Novembru u reġa' appella lir-RDPK biex tikkonforma mal-obbligi tagħha skont l-UNSCRs. Ir-Rappreżentant Għoli tenna wkoll il-ħtieġa għal rispons xieraq mill-KSNU u fakkar fid-dmir li l-Membri kollha tan-NU għandhom jieħdu azzjoni biex jimplementaw bis-sħiħ is-sanzjonijiet imposti mill-KSNU.

<sup>(1)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/849 tas-27 ta' Mejju 2016 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea u li tħassar id-Deċiżjoni 2013/183/PESK (ĠU L 141, 28.5.2016, p. 79).

- (6) Fid-dawl tal-fatt li r-RDPK kompliet bl-attivitajiet tagħha marbuta mal-missili ballistiċi, bi ksur tal-UNSCRs rilevanti u b'nuqqas ta' rispett lejhom b'mod sfaċċat, jenħtieġ li tmien individwi u erba' entitajiet (inkluż żewġ bastimenti) jiġu inklużi fil-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għall-miżuri restrittivi stabbilita fl-Annessi II u III għad-Deċiżjoni (PESK) 2016/849.
- (7) Għalhekk id-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Annessi II u III tad-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Diċembru 2022.

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*  
J. BORRELL FONTELLES

---

Id-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 hija emendata kif ġej:

(1) L-Anness II huwa emendat kif ġej:

- (a) taħt l-intestatura "I. Persuni u entitajiet responsabbli għall-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi, jew ma' armi oħrajn tal-qedda massiva jew persuni jew entitajiet li jaġixxu f'isimhom jew fuq id-direzzjoni tagħhom, jew entitajiet li jappartjenu lilhom jew huma kkontrollati minnhom", taħt is-subintestatura "A. Persuni", jinżiedu l-entrati li ġejjin:

	Isem	Magħruf ukoll bħala	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tad-deżinjazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet
"32.	KIM Kwang Yon 김광연		Data tat-twelid: 30.7.1966 Ċittadinanza: DPRK Sess: raġel Numru tal-Passaport: 563210059 (skada fl-2018); 654410104 (skada fl-2019)	12.12.2022	Fil-kapaċità tiegħu bħala rappreżentant għall-Korea Mining Development Trading Corporation (KOMID) fl-Afrika t'Isfel, KIM Kwang Yon jieħu sehem f'attivitajiet għal entità ddeżinjata fl-24 ta' April 2009 mill-Kumitat stabbilit skont l-UNSCR1718 (2006) bħala involuta fil-programmi tar-RDPK marbuta man-nukleari, ma' missili ballistiċi jew ma' armi oħrajn ta' qedda massiva, jew li tagħti appoġġ lil tali programmi. Għalhekk, huwa direttament involut fil-forniment ta' fondi u provvisti għall-programmi tar-RDPK marbuta man-nukleari, ma' missili ballistiċi jew ma' armi oħrajn ta' qedda massiva.
33.	KIM Su Il 김수일		Data tat-twelid: 4.3.1985 Ċittadinanza: DPRK Sess: raġel Numru tal-Passaport: 108220348;745220480 Indirizz: Ho Chi Minh, Vietnam	12.12.2022	Sa mill-2016, KIM Su Il kien aġent fil-Vjetnam għad-Dipartiment tal-Industrija tal-Munizzjon, fejn wettaq attivitajiet ekonomiċi, kummerċjali, ta' tħaffir u ta' tbaħħir assoċjati mal-attivitajiet kummerċjali tad-Dipartiment għal introjtu f'munita barranija għar-RDPK. Huwa involut fl-esportazzjoni ta' prodotti tar-RDPK bħall-antraċit u l-konċentrat tat-titanju. Huwa kelli wkoll introjtu f'munita barranija billi importa u esporta materja prima minn u lejn ir-RDPK u esporta oġġetti Vjetnamiżi lejn iċ-Ċina u pajjiżi oħra. Għalhekk huwa responsabbli għall-attivitajiet finanzjarji li jappoġġaw il-programmi nukleari u ballistiċi tar-RDPK.
34.	PAK Kwang Hun 박광훈	BAK Gwang Hun	Data tat-twelid: 1970 Ċittadinanza: DPRK Sess: raġel	12.12.2022	Fil-kapaċità tiegħu bħala rappreżentant għall-Korea Ryonborg General Corporation (Ryonborg), PAK Kwang Hun jieħu sehem f'attivitajiet għal entità ddeżinjata fl-24 ta' April 2009 mill-Kumitat stabbilit skont l-UNSCR1718 (2006) bħala involuta fil-programmi tar-RDPK marbuta man-nukleari, ma' missili ballistiċi jew ma' armi oħrajn ta' qedda massiva, jew li tagħti appoġġ lil tali programmi. Għalhekk, huwa direttament involut fil-forniment ta' fondi u provvisti għall-programmi tar-RDPK marbuta man-nukleari, ma' missili ballistiċi jew ma' armi oħrajn ta' qedda massiva.

35.	KIM Ho Kyu 김호규	KIM Ho Gyu	<p>Data tat-twelid: 15.9.1970</p> <p>Ċittadinanza: DPRK</p> <p>Sess: raġel</p> <p>Indirizz: DPRK Consulate General in Nakhodka, Russian Federation</p> <p>Funzjoni jew professjoni: Rappreżentant għall-Korea Ryonbong General Corporation (Ryonbong)</p> <p>Viċi Konslu fil-Konsolat Ġenerali tar-RDPK f'Nakhodka, Federazzjoni Russa</p>	12.12.2022	<p>Fil-kapaċità tiegħu bħala rappreżentant għall-Korea Ryonborg General Corporation (Ryonborg), KIM Ho Kyu jieħu sehem f'attivitajiet għal entità ddeżinjata fl-24 ta' April 2009 mill-Kumitat stabbilit skont l-UNSCR 1718 (2006) bħala involuta fil-programmi tar-RDPK marbuta man-nukleari, ma' missili ballistiċi jew ma' armi oħrajn ta' qerda massiva, jew li tagħti appoġġ lil tali programmi. Għalhekk, huwa direttament involut fil-forniment ta' fondi u provvisti għall-programmi tar-RDPK marbuta man-nukleari, ma' missili ballistiċi jew armi oħrajn ta' qerda massiva.</p>
36.	JONG Yong Nam 정영남		<p>Data tat-twelid: 26.1.1966</p> <p>Ċittadinanza: DPRK</p> <p>Sess: raġel</p> <p>Numru tal-Passaport: PS 927120050</p> <p>Indirizz: Minsk, Belarus</p> <p>Funzjoni jew professjoni: Rappreżentant f'Minsk tas-Second Academy of Natural Sciences tar-RDPK</p>	12.12.2022	<p>Fil-kapaċità tiegħu bħala rappreżentant f'Minsk, il-Belarussja, ta' organizzazzjoni b'rabtiet diretti mas-Second Academy of Natural Sciences fir-RDPK, JONG Yong Nam jieħu sehem f'attivitajiet għal entità sanzjonata kif jinsab fil-UNSCR 2094 (2013). Din l-entità hija magħrufa għall-attivitajiet ta' proliferazzjoni tagħha li huma ta' benefiċċju fil-programmi tar-RDPK marbuta man-nukleari, ma' missili ballistiċi jew ma' armi oħrajn ta' qerda massiva. Għalhekk, huwa direttament involut fil-forniment ta' fondi u provvisti għall-programmi tar-RDPK marbuta man-nukleari, ma' missili ballistiċi jew armi oħrajn ta' qerda massiva."</p>

- (b) taħt l-intestatura "I. Persuni u entitajiet responsabbli għall-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi, jew ma' armi oħrajn tal-qerda massiva jew persuni jew entitajiet li jaġixxu f'isimhom jew fuq id-direzzjoni tagħhom, jew entitajiet li jappartjenu lilhom jew huma kkontrollati minnhom", taħt is-subintestatura "B. Entitajiet", tinżied l-entrata li ġejja:

	Isem	Magħruf ukoll bħala	Lokalità	Data tad-deżinjazzjoni	Informazzjoni oħra
"6.	Ministry of Rocket Industry (Ministeru għall-Industrija tar-Rokits) 로켓공업부	Rocket Industry Department (Dipartiment tal-Industrija tar-Rokits)	Pyongchon, DPRK	12.12.2022	Il-Bord ta' Esperti tan-NU rċieva informazzjoni dwar individwu impjegat mal-kumpaniji marbuta mal-Ministeru għall-Industrija tar-Rokits li huwa involut fl-akkwist ta' fondi permezz tal-bejgħ ta' applikazzjonijiet ta' hacking permezz tal-voice-phishing. Il-Bord ta' Esperti tan-NU rċieva wkoll informazzjoni minn diversi Stati Membri tan-NU dwar individwu li qed jakkwista trab tal-aluminju u komoditajiet oħrajn magħrufa li jintużaw fi propellant tal-fjuwil solidu għall-Ministeru għall-Industrija tar-Rokits. Il-Bord tan-NU jirrapporta li l-Ministeru għall-Industrija tar-Rokits huwa aġenzija tad-Dipartiment tal-Industrija tal-Munizzjon. Billi d-Dipartiment tal-Industrija tal-Munizzjon huwa responsabbli għall-iżvilupp tat-teknoloġija nukleari u tal-missili, il-finanzjament akkwistat mill-Ministeru għall-Industrija tar-Rokits jista' jintuża biex jappoġġa l-iżvilupp tat-teknoloġija nukleari u tal-missili pprojbita mill-UNSCRs."

- (c) taħt l-intestatura "III. Il-persuni u l-entitajiet li huma involuti fil-forniment lil jew mir-RDPK ta' armi u materjal relatat ta' kull tip, jew ta' oġġetti, materjal, tagħmir, beni jew teknoloġija li jistgħu jikkontribwixxu għall-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi jew ma' armi oħrajn ta' qerda massiva", taħt is-subintestatura "B. Entitajiet", jinżiedu l-entrati li ġejjin:

	Isem	Magħruf ukoll bħala	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tad-deżinjazzjoni	Raġunijiet
"1.	Unica		Tip ta' bastiment: bastiment ta' kunsinna, tanker taż-żejt Post prinċipali tan-negozju: Ir-RDPK, ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina OMI: 8514306	12.12.2022	It-tanker taż-żejt u l-bastiment ta' kunsinna Unica jipparteċipa b'mod attiv fit-trasferimenti ta' żejt raffinat minn vapur għal ieħor u fil-ħasil tal-identità ta' bastimenti sabiex effettivament jikkonsenja żejt raffinat lir-RDPK, bi ksur tal-UNSCR 2397 (2017). L-Unica huwa regolarment ikkwotat mill-Bord ta' Esperti tan-NU skont l-UNSCR 1874 (2009) għad-deżinjazzjoni mill-Kumitat. Għalhekk, l-Unica huwa involut fi provvisti li jistgħu jikkontribwixxu għall-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi jew ma' armi oħrajn ta' qerda massiva.

2.	New Konk		<p>Tip ta' bastiment: bastiment ta' kunsinna, tanker taż-żejt</p> <p>Sid: New Konk Ocean International Company Limited</p> <p>Post prinċipali tan-negozju: Ir-RDPK, ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina</p> <p>OMI: 9036387</p>	12.12.2022	<p>It-tanker taż-żejt u l-bastiment ta' kunsinna New Konk jipparteċipa b'mod attiv fit-trasferimenti ta' żejt raffinat minn vapur għal ieħor u fil-ħasil tal-identità ta' bastimenti sabiex effettivament jikkonsenja żejt raffinat lir-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea, bi ksur tal-UNSCR 2397 (2017). In-New Konk huwa regolarment ikkwotat mill-Bord ta' Esperti tan-NU skont l-UNSCR 1874 (2009) għad-deżinjazzjoni mill-Kumitat.</p> <p>Għalhekk, in-New Konk huwa involut fi provvisti li jstgħu jikkontribwixxu għall-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi jew ma' armi oħrajn ta' qerda massiva."</p>
----	----------	--	--	------------	---

(2) L-Anness III huwa emendat kif ġej:

(a) taħt l-intestatura "A. Persuni", jinżiedu l-entrati li ġejjin:

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tad-deżinjazzjoni	Raġunijiet
"29.	KIL Jong Hun	<p>Data tat-twelid: 7.8.1965 / 20.2.1972</p> <p>Numru tal-passaport: 563410081 / 472410022</p> <p>Ċittadinanza: DPRK</p> <p>Sess: raġel</p>	12.12.2022	<p>Fil-kapaċità tiegħu ta' rappreżentant għall-Korea Mining Development Trading Corporation (KOMID), Kil Jong Hun huwa responsabbli għall-għajjuna mogħtija fl-akkwist tal-armi mill-Guinea Ekwatorjali, u b'hekk qed jevita l-embargo internazzjonali fuq l-armi kif jinsab fil-UNSCRs rilevanti. Ilu taħt sanzjonijiet tal-Istati Uniti mill-2015. Qabel kien impjegat bħala r-rappreżentant tal-entità deżinjata KOMID fin-Namibja taħt status diplomatiku, huwa fetaħ kont bankarju fl-Afrika t'Isfel. Bis-saħħa tal-pożizzjoni tiegħu, għadu għaddej bl-attivitajiet tiegħu ta' proliferazzjoni għall-KOMID, u qed jipprovdi fondi siewja lir-RDPK minkejja s-sanzjonijiet internazzjonali.</p>
30.	PYON Kwang Chol	<p>Data tat-twelid: 16.9.1964</p> <p>Ċittadinanza: DPRK</p> <p>Sess: raġel</p>	12.12.2022	<p>Fil-kapaċità tiegħu bħala viċi rappreżentant għal kumpanija suspettata fittizja għas-Second Academy of Natural Sciences f'Dalian (iċ-Ċina), PYON Kwang Chol jieħu sehem f'attivitajiet għal entità sanzjonata kif jinsab fil-UNSCR 2094 (2013). Din l-entità hija magħrufa għall-attivitajiet ta' proliferazzjoni tagħha li huma ta' benefiċċju għall-programmi tar-RDPK marbuta man-nukleari, ma' missili ballistiċi jew ma' armi oħrajn ta' qerda massiva. Għalhekk, huwa direttament involut fil-forniment ta' fondi u provvisti għall-programmi tar-RDPK marbuta man-nukleari, ma' missili ballistiċi jew ma' armi oħrajn ta' qerda massiva.</p>
31.	O Yong Ho	<p>Data tat-twelid: 25.12.1961</p> <p>Numru tal-passaport: 108410041</p> <p>Ċittadinanza: DPRK</p> <p>Sess: raġel</p>	12.12.2022	<p>Fil-kapaċità tiegħu bħala rappreżentant f'Moska, il-Federazzjoni Russa, b'rabtiet diretti mas-Second Academy of Natural Sciences, O Yong Ho, bi status diplomatiku, jieħu sehem f'attivitajiet għal entità sanzjonata kif jinsab fil-UNSCR 2094 (2013). Din l-entità hija magħrufa għall-attivitajiet ta' proliferazzjoni tagħha li huma ta' benefiċċju għall-programmi tar-RDPK marbuta man-nukleari, ma' missili ballistiċi jew ma' armi oħrajn ta' qerda massiva. Għalhekk, huwa direttament involut fil-forniment ta' fondi u provvisti għall-programmi tar-RDPK marbuta man-nukleari, ma' missili ballistiċi jew ma' armi oħrajn ta' qerda massiva."</p>



(b) taħt l-intestatura "B. Entitajiet", tinżied l-entrata li ġejja:

	Isem (u ismijiet oħrajn possibbli)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tad-deżinjazzjoni	Raġunijiet
"9.	Korea Rounsán Trading Corporation 로은산무역회사		12.12.2022	Il-Korean Rounsán Trading Corporation hija kumpanija subordinata tal-Ministeru għall-Industrija tar-Rokits tar-RDPK. Għalhekk, l-entità hija direttament involuta fl-ghajjnuna li tagħti għall-programmi tar-RDPK marbuta man-nukleari, ma' missili ballistiċi jew armi oħrajn ta' qerda massiva. Il-kumpanija hija partikolarment involuta fl-istabiliment ta' imġriji konġunti fir-RDPK, billi tippromwovi proġetti fuq skala kbira ma' kumpaniji Ċiniżi, tibgħat ħaddiema mir-RDPK, u timmaniġġa l-akkwist ta' tagħmir kbir Ewropew."

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/2432****tat-12 ta' Diċembru 2022****li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/145/PESK <sup>(1)</sup>.
- (2) L-Unjoni tibqa' soda fl-appoġġ tagħha għas-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna.
- (3) L-Iran jipprovdi appoġġ militari għall-gwerra ta' aggressjoni mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna. Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni, il-Kunsill iqis li erba' individwi u erba' entitajiet involuti fl-iżvilupp u l-kunsinna ta' Vetturi tal-Ajru Mingħajr Ekwipaġġ lir-Russja jenħtieġ li jiżdiedu mal-lista ta' persuni, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK.
- (4) Hija meħtieġa azzjoni ulterjuri mill-Unjoni sabiex ċertu miżuri jiġu implimentati.
- (5) Għalhekk id-Deċiżjoni 2014/145/PESK jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness tad-Deċiżjoni 2014/145/PESK huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Diċembru 2022.

*Għall-Kunsill**Il-President*

J. BORRELL FONTELLES

<sup>(1)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU L 78, 17.3.2014, p. 16).

Il-persuni u l-entitajiet li ġejjin jinżiedu mal-lista ta' persuni, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness tad-Deċiżjoni 2014/145/PESK:

## Persuni

	Ismijiet	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-ejenkar
"1268.	Yousef ABOUTALEBI يوسف ابوطالبي	Data tat-twelid: 29.5.1983 Nazjonalità: Iranjana Sess: raġel Pożizzjoni: Direttur maniġerjali ta' OJE Parvaz Mado Nafar Company (Mado)	Yousef Aboutalebi huwa d-direttur maniġerjali ta' OJE Parvaz Mado Nafar Company (Mado) elenkata mill-UE, kumpanija bbażata fl-Iran speċjalizzata fil-manifattura ta' komponenti ta' vtturi tal-Ajru mingħajr Ekwipaġġ (UAV) u fl-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' oġġetti kummerċjali.  MADO hija affiljata mal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC). Permezz ta' Mado, Aboutalebi akkwista magni ta' UAVs maħsuba għall-użu militari mill-IRGC u minn entitajiet marbuta mal-IRGC.  Magni manifatturati minn Mado nstabu fl-UAVs Iranjani Shahed-136 użati mill-Federazzjoni Russa fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna.  Għalhekk, Yousef Aboutalebi qed jappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	12.12.2022
1269.	Ali Reza BALALI علي رضا بالي	Nazjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Brigadier Ġeneral Pożizzjoni: Uffiċjal tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika u konsulent għall-kap tal-Forza Ajruspazjali (IRGC AF), Amir Ali Hajizadeh	Il-Brigadier Ġeneral Ali Reza Balali huwa uffiċjal tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) u konsulent għall-kap tal-Forza Ajruspazjali tal-IRGC (IRGC AF), elenkat mill-UE, Amir Ali Hajizadeh.  Balali organizza u ppromwova avveniment biex jintwerew Vetturi tal-Ajru militari mingħajr Ekwipaġġ (UAVs) u jsir taħtriġ b'dawn il-vetturi f'Kashan, l-Iran f'Awwissu 2022, li għalih ġew mistiedna u li fih ipparteċipaw il-forzi Russi. B'dan il-mod, huwa appoġġa lill-forzi Russi fl-użu ta' UAVs Iranjani fil-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna.  Għalhekk, il-Brigadier Ġeneral Amir Ali Hajizadeh qed jappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	12.12.2022

	Ismijiet	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-ejenkar
1270.	Abdollah MEHRABI عبدالله مهرابي	Data tat-twelid: 22.12.1961 Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Brigadier Ġeneral Pożizzjoni: Kap tar-Research and Self-Sufficiency Jihad Organization tal-Forza Aerospazjali tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC AF)	Il-Brigadier Ġeneral Abdollah Mehrabi huwa l-kap tar-Research and Self-Sufficiency Jihad Organization tal-Forza Ajruspazjali tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC AF) u ex-koproprjetarju ta' OJE Parvaz Mado Nafar Company (Mado) elenkata mill-UE. Mehrabi akkwista magni ta' Vetturi tal-Ajru mingħajr Ekwipaġġ (UAV) minn Mado għall-użu mill-IRGC AF Research and Self-Sufficiency Jihad Organization. Il-magni manifatturati minn Mado nstabu fl-UAVs Iranjani Shahed-136 użati mill-Federazzjoni Russa fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għaldaqstant, il-Brigadier Ġeneral Abdollah Mehrabi qed jappoġġa azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	12.12.2022
1271.	Hamid VAHEDI حميد واحدی	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Brigadier Ġeneral Pożizzjoni: Kap Kmandant tal-Forza tal-Ajru Iranjana	Il-Brigadier Ġeneral Hamid Vahedi huwa l-Kap Kmandant tal-Forza tal-Ajru Iranjana. F'din il-pożizzjoni, huwa involut fit-teħid ta' deċiżjonijiet dwar il-programm Iranjan ta' Vetturi tal-Ajru mingħajr Ekwipaġġ (UAV), l-esportazzjonijiet ta' UAVs u l-kooperazzjoni fil-qasam tad-difiża mal-Federazzjoni Russa f'dan il-qasam, li kollha waslu biex l-UAVs Iranjani jintużaw mill-Federazzjoni Russa fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għaldaqstant, il-Brigadier Ġeneral Hamid Vahedi qed jappoġġa azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	12.12.2022".

## Entitajiet

	Ismijiet	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-ejenkar
"122.	Design and Manufacturing of Aircraft Engines (DAMA) طراحی و ساخت موتور هواپیما	Indirizz: Shishesh Mina Street, Karaj Special Road, Tehran, Iran Numru tar-reġistrazzjoni: 14005160213 Post prinċipali tan-negozju: L-Iran	Design and Manufacturing of Aircraft Engines (DAMA) hija kumpannija Iranjana DAMA hija involuta fir-riċerka, l-iżvilupp u l-produzzjoni tal-programm ta' Vetturi tal-Ajru mingħajr Ekwipaġġ (UAVs) Iranjani Shahed-171, li huwa proprjetà tal-Forza Ajruspazjali tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC AF). DAMA hija kumpannija faċċata li wettqet attivitajiet ta' akkwist bil-moħbi għal Aircraft Manufacturing Industries tal-Iran (HESA), entità affiljata mal-Ministeru għad-Difiża u l-Loġistika tal-Forzi Armati tal-Iran (MODAFL). L-Iran biegħ diversi tipi ta' UAV lill-Federazzjoni Russa, inkluż Shahed-171, żviluppati minn DAMA. Il-UAVs Shahed-171 jintużaw mill-Federazzjoni Russa fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għalhekk, DAMA qed tappoġġa b'mod materjali azzjonijiet li jgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	12.12.2022

	Ismijiet	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
123.	Islamic Revolutionary Guard Corps Research and Self-Sufficiency Jihad Organization (IRGC SSJO) سازمان جهاد خودکفایی و تحقیقات سپاه	Indirizz: Teheran u Isfahan, l-Iran Tip ta' entità: Kuntrattur militari Post tar-reġistrazzjoni: Tehran, l-Iran Data tar-reġistrazzjoni: 1993 Post prinċipali tan-negozju: L-Iran Entitajiet assoċjati oħra: Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC)	L-Islamic Revolutionary Guard Corps Research and Self-Sufficiency Jihad Organization (IRGC SSJO) hija unità ta' riċerka u żvilupp li tiżviluppa u timmanifattura radar li jippenetra l-art, sistemi ta' komunikazzjoni, armi, vetturi tal-ġlied u tagħmir elettroniku tal-gwerra ċibernetika.  Bħala parti mill-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC), l-IRGC SSJO kienet involuta f'attivitajiet ta' riċerka u żvilupp u ta' akkwist marbuta mal-iżvilupp tal-Vetturi tal-Ajru mingħajr Ekwipaġġ (UAVs) Iranjani, li wħud minnhom qed jintużaw mill-Federazzjoni Russa fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna.  Għalhekk, l-IRGC SSJO qed tappoġġa b'mod materjali azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	12.12.2022
124.	Oje Parvaz Mado Nafar Company (Mado) شرکت اوژه پرواز مادو نفر (مادو) Magħrufa wkoll bħala: Owj Parvaz Mado Nafar Company LLC	Indirizz: Qom, No. 1106, 11 Hemmat Corner, Hemmat Square, Hemmat Boulevard, Shokuhieh Industrial Town, Qom Province, 3718116354, Iran	OJE Parvaz Mado Nafar Company (Mado) hija kumpanija bbażata fl-Iran speċjalizzata fil-manifattura ta' komponenti ta' vetturi tal-ajru mingħajr ekwipaġġ (UAV).  MADO pproduċiet magni ta' UAVs għal entitajiet marbuta mal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC), inkluż magni użati UAVs Shahed-136. UAVs Shahed-136 qed jintużaw mill-Federazzjoni Russa fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna, taħt l-isem Geran-2.  Għaldaqstant, Madoqed tappoġġa b'mod materjali azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	12.12.2022
125.	Paravar Pars Company شرکت پراور پارس Magħrufa wkoll bħala: Paravar Pars Aerospace Research and Engineering Services; Paravar Pars Aerospace Research Institute; Paravar Pars Engineering and Services Aerospace Research Company; Paravar Pars; ParavarPars; Pravarpars Engineering Research and Design Company	Post prinċipali tan-negozju: 13-il km minn Shahid Babaei Highway, wara l-Università Imam Hossein, maġenb Telo Road, Tehran, l-Iran Email: info@paravar-pars.com	Paravar Pars Company hija assoċjata mill-qrib mal-Università Imam Hossein, li hija kkontrollata mill-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC).  Paravar Pars Company ipproduċiet Vetturi tal-Ajru mingħajr Ekwipaġġ (UAVs) għall-Forza Ajruspazjali tal-IRGC (IRGC AF) u ttestjat UAVs għall-Forza Navali tal-IRGC. B'mod partikolari, Paravar Pars Company kienet involuta fir-riċerka, l-iżvilupp u l-produzzjoni tal-UAVs Shahed-171 Iranjan żviluppanti mill-IRGC AF. L-UAVs Shahed-171 prodotti fl-Iran jintużaw mill-Federazzjoni Russa fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna.  Għalhekk, Paravar Pars Company għandha tappoġġa b'mod materjali azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	12.12.2022".

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/2433****tat-12 ta' Diċembru 2022****li timplimenta d-Deċiżjoni 2021/235/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet fil-kuntest tas-sitwazzjoni fl-Iran**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/235/PESK tat-12 ta' April 2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet fil-kuntest tas-sitwazzjoni fl-Iran <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-12 ta' April 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/235/PESK.
- (2) Fil-25 ta' Settembru 2022, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ħareġ dikjarazzjoni f'isem l-Unjoni li tikkundanna l-użu mifrux u sproporzjonat tal-forza mill-forzi tas-sigurtà Iranjani kontra dimostranti mhux vjolenti, filwaqt li tinnota dan kien wassal imwiet u għadd kbir ta' persuni midruba. Id-dikjarazzjoni spjegat ukoll li daww responsabbli għall-qtil ta' Mahsa Amini jridu jinżammu responsabbli, u appellat lill-awtoritajiet Iranjani biex jiżguraw investigazzjonijiet trasparenti u kredibbli biex jiċċaraw l-għadd ta' persuni mejta u arrestati, biex jeħilsu lid-dimostranti mhux vjolenti kollha u biex jipprovdu proċess xieraq lid-detenuti kollha. Barra minn hekk, id-dikjarazzjoni enfasizzat li d-deċiżjoni tal-Iran li jirrestrinġi b'mod sever l-aċċess għall-Internet u jimblokka pjattaformi ta' messaġġi istantanji tikser b'mod sfaċċat il-libertà tal-espressjoni. Fl-aħħar nett, id-dikjarazzjoni stqarret li l-Unjoni ser tikkunsidra l-għażliet kollha għad-dispożizzjoni tagħha biex tindirizza l-qtil ta' Mahsa Amini u l-mod kif il-forzi tas-sigurtà Iranjani wiegħbu għad-dimostrazzjonijiet li segwew.
- (3) F'dan il-kuntest, u f'konformità mal-impenn tal-Unjoni li tindirizza l-kwistjonijiet kollha ta' tħassib mal-Iran, fosthom is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, jenħtieġ li għoxrin persuna u entità waħda jiġu inklużi fil-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi fl-Anness għad-Deċiżjoni 2011/235/PESK.
- (4) Għalhekk id-Deċiżjoni 2011/235/PESK jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness tad-Deċiżjoni 2011/235/PESK huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Diċembru 2022.

*Għall-Kunsill**Il-President*

J. BORRELL FONTELLES

---

<sup>(1)</sup> ĠU L 100, 14.4.2011, p. 51.

Il-persuni u l-entità li ġejja jiżiedu mal-lista ta' persuni u entitajiet stabbilita fl-Anness tad-Deċiżjoni 2011/235/PESK.

## Persuni

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"136.	JEBELLI Peyman پیمان جبلی	Data tat-twelid: 25.1.1967 Post tat-twelid: Tehran, Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Kariga: Direttur tal-Islamic Republic of Iran Broadcasting (IRIB)	Peyman Jebelli huwa d-Direttur tal-Islamic Republic of Iran Broadcasting (IRIB), li għandha l-fama ħażina ta' leħen ir-reġim.  L-IRIB tillimita serjament u ċċaħħad il-fluss liberu tal-informazzjoni lill-poplu Iranjan. Barra minn hekk, l-IRIB hija involuta attivament fl-organizzazzjoni u x-xandir ta' "ammissjonijiet ta' ħtija" furzati minn persuni li jikkritikaw ir-reġim, miksuba permezz ta' intimidazzjoni u vjolenza ħarxa. Dawn l-"ammissjonijiet ta' ħtija" ta' spiss jixxandru wara protesti pubbliċi, jew qabel eżekuzzjoni bħala mezz biex jitnaqqsu r-reazzjonijiet mill-pubbliku. Bħala Direttur tal-IRIB, Jebelli huwa responsabbli mill-azzjonijiet tal-IRIB kif ukoll mill-kontenut tal-aħbarijiet.  Filwaqt li diversi membri tal-persunal tax-xandir statali ta' profil għoli rriżenjaw reċentement u ċaħdu r-reazzjoni vjolenti tar-reġim Iranjan għall-protesti tal-2022, Jebelli jkompli jaġixxi fil-pożizzjoni tiegħu. Il-ħatra tiegħu bħala direttur tas-sors uffiċjali ewlieni tal-aħbarijiet tal-Iran ġiet awtorizzata mill-Mexxej Suprem Ali Khamenei u tindika prossimità ideoloġika mar-reġim.  Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	12.12.2022
137.	REZVANI Ali رضوانی علی	Data tat-twelid: 1984 Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Kariga: Reporter u preżentatur tal-aħbarijiet rigward affarijiet politiċi u ta' sigurtà tal-Islamic Republic of Iran Broadcasting (IRIB)	Ali Rezvani huwa reporter għall-Islamic Republic of Iran Broadcasting (IRIB) preżentatur tal-aħbarijiet fuq il-programm tal-aħbarijiet ta' kull filgħaxija tat-20:30 tal-IRIB.  L-IRIB hija organizzazzjoni tal-media Iranjana kkontrollata mill-istat u inkarigata mit-tixrid ta' informazzjoni mill-gvern. Ix-xandir tal-aħbarijiet ta' kull filgħaxija tat-20:30 tal-IRIB, li jiġi trażmess fuq il-Kanal 2, huwa l-programm ewlieni tal-aħbarijiet u huwa meqjus bħala l-pjattaforma ewlenija tal-IRIB għall-implimentazzjoni tal-aġendi tal-forzi tas-sigurtà, inkluż il-Ministeru għall-Intelligence (MOIS) u l-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC). Każijiet dokumentati juru li l-aħbarijiet tat-20:30 ixandru ammissjonijiet ta' ħtija furzati.	12.12.2022

			<p>Fil-kapaċità tiegħu bħala reporter tal-IRIB, Ali Rezvani jieħu sehem f'interrogazzjonijiet li jwasslu għal ammissjonijiet ta' ħtija furzati, b'hekk jinvolvi ruħu direttament u jiffaċilita ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem. Fil-kapaċità tiegħu bħala preżentatur tal-aħbarijiet tat-20:30, Rezvani jippromwovi l-aġenda tal-forzi tas-sigurtà Iranjani, li tiġġustifika l-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem bħat-tortura u l-arresti u d-detenzjonijiet arbitrari. Rezvani jippromwovi wkoll b'mod persistenti l-propaganda kontra persuni li jikkritikaw ir-reġim sabiex jintimidahom u biex jiġġustifika u jħeġġeġ it-trattament ħażin tagħhom, u b'hekk jikser il-libertà tal-espressjoni ħielsa tagħhom.</p> <p>Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.</p>	
138.	<p>ZABIHPOUR Ameneh Sadat ذبيح پور آمنه سادات</p>	<p>Data tat-twelid: 7.8.1984 Post tat-twelid: Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: mara Kariga: Reporter tal-Islamic Republic of Iran Broadcasting (IRIB) u kap tal-grupp tal-media barranija bil-lingwa Persjana fl-IRIB Nru tal-passaport: 09324611</p>	<p>Ameneh Sadat Zabihpour hija l-kap tal-grupp tal-media barranija bil-lingwa Persjana fl-IRIB, li għandu l-fama ħażina ta' leħen ir-reġim.</p> <p>L-IRIB jillimita serjament u jċaħħad il-fluss liberu tal-informazzjoni lill-poplu Iranjan. Barra minn hekk, l-IRIB huwa involut attivament fl-organizzazzjoni u x-xandir ta' "ammissjonijiet ta' ħtija" furzati minn persuni li jikkritikaw ir-reġim, miksuba permezz ta' intimidazzjoni u vjolenza ħarxa. Dawn l-"ammissjonijiet ta' ħtija" ta' spiss jixxandru wara protesti pubbliċi, jew qabel eżekuzzjoni bħala mezz biex jitnaqqsu r-reazzjonijiet mill-pubbliku.</p> <p>Filwaqt li diversi membri tal-persunal tax-xandir statali ta' profil għoli rriżenjaw reċentement u ċaħdu r-reazzjoni vjolenti tar-reġim Iranjan għall-protesti tal-2022, Zabihpour tkompli taġixxi fil-pożizzjoni tagħha. Hija interrogat lil persuni li jikkritikaw ir-reġim u pproduċiet videos ta' ammissjonijiet ta' ħtija furzati.</p> <p>Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.</p>	12.12.2022
139.	<p>KHATAMI Seyyed Ahmad خاتمی سید احمد</p>	<p>Data tat-twelid: 8.5.1960 Post tat-twelid: Semnan, l-Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Kariga: Imam għat-talb ta' nhar ta' Ġimgħa, membru tal-Assemblea ta' Esperti għat-Tmexxija</p>	<p>Seyyed Ahmad Khatami huwa membru reliġjuż estremist u imam influwenti għat-talb ta' nhar ta' Ġimgħa f'Tehran. Khatami huwa wkoll membru tal-Assemblea ta' Esperti għat-Tmexxija, entità Iranjana li hija nnifisha tinsab involuta fi ksur tad-drittijiet tal-bniedem peress li żammet lura milli tirrispetta d-dispożizzjonijiet kostituzzjonali.</p> <p>Bħala membru reliġjuż qrib l-awtoritajiet statali u b'udjenza kbira, huwa juża l-pożizzjoni tiegħu biex jattakka verbalment u jxewwex il-vjolenza kontra d-dimostranti. Huwa mhux biss jiddefendi l-azzjonijiet repressivi tal-forzi tas-sigurtà tal-Iran iżda wkoll, f'diversi okkażjonijiet, ħeġġeġ trattament saħansitra aktar iebes tad-dimostranti, inkluż il-piena tal-mewt.</p> <p>Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.</p>	12.12.2022



140.	MIRAHMADI Seyyed Majid مجيد سيد ميراحمدى	Post tat-twelid: Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Brigadier Ġeneral Kariga: Viċi Ministru għall-Intern tal-Iran	Il-Brigadier Ġeneral Seyyed Majid Mirahmadi huwa l-Viċi Ministru għall-Intern tal-Iran, responsabbli mill-monitoraġġ tal-forzi tas-sigurtà u tal-forzi tal-pulizija tal-Iran, atturi li huma involuti fil-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.  Il-forzi tas-sigurtà u l-forzi tal-pulizija tal-Iran qed irażżnu l-protesti b'mod vjolenti, jisparaw direttament fuq id-dimostranti paċifiċi u jarrestaw b'mod arbitrarju lil persuni b'diżrispett totali għad-drittijiet tal-bniedem tagħhom.  Fid-dikjarazzjonijiet tiegħu, Mirahmadi jirreferi għall-protesti bħala rvellijiet li għandhom jintemmu, jikkriminalizza u jhedded lil dawk li jipparteċipaw fi protesti paċifiċi. Huwa personalment qed jaħbi deliberatament il-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem imwettaq mill-forzi taħt l-awtorità tiegħu, pereżempju, billi jgħid li d-dimostranta ta' 16-il sena Nika Shakrami wettqet suwiċidju. Ir-rapporti jindikaw li huwa ferm probabbli li mietet f'idejn il-forzi tas-sigurtà.  Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	12.12.2022
141.	MOUSAVI Sayyed Abdolrahim موسوى سيد عبدالرحيم	Data tat-twelid: 1959/1960 Post tat-twelid: Qom, l-Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Maġġur Ġeneral Kariga: Kap kmandant fl-armata Iranjana	Il-Maġġur Ġeneral Sayyed Abdolrahim Mousavi huwa l-Kap kmandant tal-Armata Iranjana. Fil-kapaċità tiegħu jgħorr ir-responsabbiltà għall-involvement tal-Armata Iranjana fir-reazzjoni vjolenti tar-reġim għall-protesti tal-2022.  F'diversi okkażjonijiet, Mousavi ddeskriva l-protesti fl-Iran bħala rvellijiet organizzati u ppjanati mill-għedewwa tal-Iran u b'hekk ppreżenta l-protesti bħala theddida għas-sigurtà nazzjonali. Huwa uża lingwaġġ ta' theddid dirett lejn il-parteeċipanti fil-moviment ta' protesta. Huwa faħħar ukoll ir-reazzjoni vjolenti tal-forzi tas-sigurtà Iranjani għad-dimostranti u ddeskriviha bħala mezz effettiv biex jiġu newtralizzati l-għedewwa tal-Iran.  Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	12.12.2022
142.	BORMAHANI Mohsen محسن برمهانی	Data tat-twelid: 24.5.1979 Post tat-twelid: Neishabur, l-Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Nru tal-passaport: A54062245 (Iran), jiskadi fit-12.7.2026 Numru tal-identità nazzjonali: 1063893488 (Iran) Kariga: Viċi Direttur tal-Islamic Republic of Iran Broadcasting (IRIB)	Mohsen Bormahani huwa l-Viċi Direttur tal-Islamic Republic of Iran Broadcasting (IRIB), li jaġixxi bħala leħen ir-reġim.  Fil-pożizzjoni tiegħu, Bormahani jgħorr ir-responsabbiltà għall-kontenut tal-IRIB. L-IRIB jillimita serjament u jċaħħad il-fluss liberu tal-informazzjoni lejn il-poplu Iranjan. Barra minn hekk, l-IRIB huwa involut attivament fl-organizzazzjoni u x-xandir ta' "ammissjonijiet ta' ħtija" furzati minn persuni li jikkritikaw ir-reġim, miksuba permezz ta' intimidazzjoni u vjolenza ħarxa. Dawn l-"ammissjonijiet ta' ħtija" ta' spiss jixxandru wara protesti pubbliċi, jew qabel eżekuzzjoni bħala mezz biex jitnaqqsu r-reazzjonijiet mill-pubbliku.  Filwaqt li diversi membri tal-persunal tax-xandir statali ta' profil għoli rriżenjaw reċentement u ċaħdu r-reazzjoni vjolenti tar-reġim Iranjan għall-protesti tal-2022 fl-Iran, Bormahani jkompli jaġixxi fil-pożizzjoni tiegħu bħala Viċi Direttur u f'dikjarazzjonijiet reċenti tiegħu ddefenda r-reġim.  Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	12.12.2022

143.	JOKAR Morteza جوکار مرتضا (magħruf ukoll bħala JOWKAR Morteza)	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Kurunell Kariga: viċi kap tal-Forzi tal-Infurzar tal-Liġi (LEF) tal-Iran fil-provinċji ta' Sistan u Baluchestan	Il-Kurunell Morteza Jokar huwa l-viċi kap tal-Forzi tal-Infurzar tal-Liġi tal-Iran (LEF) fil-provinċji ta' Sistan u Baluchestan. Fil-funzjoni tiegħu, huwa responsabbli li dderieġa r-repressjoni vjolenti tad-dimostranti ċivili fil-provinċji ta' Sistan u Baluchestan wara l-mewt ta' Mahsa Amini f'Settembru 2022. Il-forzi taħt il-kmand tiegħu huma responsabbli li sparaw munizzjon attiv fuq id-dimostranti waqt il-massakru tat-30 ta' Settembru 2022 f'Zahedan u l-massakru tal-4 ta' Novembru 2022 f'Khash, fejn mietu u ndarbu għexieren ta' persuni. Twettqu wkoll repressjonijiet vjolenti oħra ta' protesti f'bliet provinċjali oħra (Saravan, Chabahar, Iranshahr, Rask, Sarbaz u oħrajn) taħt il-kontroll tiegħu matul il-ħarifa tal-2022. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	12.12.2022
144.	SOURI Majid سوری مجید	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Kurunell Kariga: Viċi Kmandant tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) fil-provinċja ta' Lorestan	Il-Kurunell Majid Souri huwa l-Viċi Kmandant tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) fil-provinċja ta' Lorestan. Huwa responsabbli mir-repressjoni vjolenti min-naħa tal-forzi tas-sigurtà tal-protesti fl-2022, speċjalment fil-belt ta' Khorramabad fejn inġabru l-persuni biex jibku l-mewt ta' Nika Shakrami, żagħżuġha Iranjana li għebet f'it wara l-mewt ta' Mahsa Amini. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	12.12.2022
145.	KARIMI Mohsen کریمی محسن	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Brigadier Ġeneral Kariga: Kmandant tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) fil-provinċja ta' Markazi	Il-Brigadier Ġeneral Mohsen Karimi huwa l-kmandant tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) fil-provinċja ta' Markazi. Huwa responsabbli mir-repressjoni vjolenti min-naħa tal-forzi tas-sigurtà tal-protesti fl-2022 li wasslet ukoll għall-mewt taż-żagħżuġ ta' 19-il sena Mehrshad Shahidi f'ċentru ta' detenzjoni tal-IRGC f'Arak. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	12.12.2022
146.	HEYDARNIA Alireza حیدرنبیا علیرضا	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Brigadier Ġeneral Kariga: Kmandant tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) fil-provinċja ta' Alborz	Il-Brigadier Ġeneral Alireza Heydarnia huwa l-kmandant tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) fil-provinċja ta' Alborz. L-IRGC huwa responsabbli għar-repressjoni vjolenti tad-dimostranti, b'mod partikolari fil-belt ta' Karaj, f'Alborz fl-2022. F'dik il-belt, il-forzi tas-sigurtà rażżnu d-dimostranti fl-okkażjoni ta' manifestazzjonijiet f'għieh il-vittmi tal-protesti fl-okkażjoni tal-40 jum mill-mewt tagħhom. Fis-17 ta' Ottubru 2022, il-forzi tas-sigurtà f'Karaj ħatfu mill-isptar u stupraw ripetutament lil Armita Abbasi, tfajla ta' 20 sena. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	12.12.2022

147.	GARSHASBI Amanollah گرشاسبی امانالله	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Brigadier Ġeneral Kariga: Viċi Kmandant tal-Korp tal-Gwardji Rivoluzzjonarji Iżlamika (IRGC) fil-provinċji ta' Sistan u Baluchestan	Il-Brigadier Ġeneral Amanollah Garshasbi huwa l-viċi kmandant tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) fil-provinċji ta' Sistan u Baluchestan. Il-korp provinċjali ta' "Salaman" jinsab taħt il-kmand tiegħu. Il-provinċji ta' Sistan u Baluchestan raw xi wħud mill-aktar repressjonijiet vjolenti mill-forzi tas-sigurtà Iranjani, inkluż mill-IRGC, matul il-protesti tal-2022. Fit-30 ta' Settembru 2022, il-kapitali tal-provinċja ta' Zahedan rat "il-Ġimġha mdejmija", meta l-forzi tas-sigurtà fetħu n-nar fuq protesta li ffermat madwar it-talb tal-Ġimġha. Huwa stmat li sparaw fuq mill-inqas 70 dimostrand u dawn sfaw maqtula. Minn dakinhar 'l hawn, komplet il-vjolenza kontra l-parteċipanti fi protesti. Garshasbi għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	12.12.2022
148.	REYHANI Bahman بهمن ریحانی	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Brigadier Ġeneral Kariga: Viċi kmandant tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) fil-Punent tal-Iran, responsabbli mill-provinċja ta' Kermanshah.	Il-Brigadier Ġeneral Bahman Reyhani huwa l-viċi kmandant tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) fil-Punent tal-Iran, responsabbli mill-provinċja ta' Kermanshah. Il-korp provinċjali ta' "Hazrat Nabi Akram" jinsab taħt il-kmand tiegħu. Il-provinċja ta' Kermanshah rat repressjoni vjolenti mill-forzi tas-sigurtà Iranjani, inkluż mill-IRGC, matul il-protesti tal-2022. Reyhani huwa fost dawk responsabbli għall-vjolenza tal-IRGC kontra d-dimostranti fil-provinċja ta' Kermanshah. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	12.12.2022
149.	SHAHSAVARI Habib شهسواری حبیب	Data tat-twelid: 1963/1964 Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Brigadier Ġeneral Kariga: Kmandant tal-korp provinċjali ta' "Shohada" tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) fil-provinċja tal-Punent tal-Ażerbajġan	Il-Brigadier Ġeneral Habib Shasavari huwa l-kmandant tal-korp tat-truppi tal-art ta' "Shohada" tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) għall-provinċja tal-Punent tal-Ażerbajġan. It-truppi tal-IRGC taħt il-kmand tiegħu wettqu operazzjonijiet kontra d-dimostranti fir-reġjuni Kurdi tal-Iran. B'mod partikolari, mill-15 ta' Novembru 2022, tali operazzjonijiet twettqu kontra dimostrand fil-bliet ta' Piranshahr, Mahabad u Bukan fil-Punent tal-Ażerbajġan. It-truppi tal-IRGC użaw forza sproporzjonata f'dawn l-operazzjonijiet. Skont l-istimi tal-NGO, l-operazzjonijiet tal-IRGC fil-bliet ta' Mahabad u Bukan qatlu erba' u tnax-il persuna rispettivament. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	12.12.2022

150.	ABDOLLAHPOUR Mohammad عبدللاهور محمد	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Brigadier Ġeneral Kariga: Kmandant tal-korp provinċjali ta' Quds tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) fil-provinċja ta' Gilan	Il-Brigadier Ġeneral Mohammad Abdollahpour huwa l-kmandant tal-korp provinċjali ta' Quds tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) fil-provinċja ta' Gilan. Il-provinċja ta' Gilan rat repressjoni vjolenti mill-forzi tas-sigurtà Iranjani, inkluż mill-forzi tal-IRGC taħt il-kmand ta' Abdollahpour, matul il-protesti tal-2022. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	12.12.2022
151.	MOSLEMI Siavash مسلمی سیاوش	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Brigadier Ġeneral Kariga: Kmandant tal-korp provinċjali ta' Karbala tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) fil-provinċja ta' Mazandaran	Il-Brigadier Ġeneral Siavash Moslemi ilu l-kmandant tal-korp provinċjali ta' Karbala tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) fil-provinċja ta' Mazandaran minn Ġunju 2020. Fl-2022, it-truppi tal-IRGC taħt il-kmand tiegħu wettqu operazzjonijiet kontra d-dimostranti u f'dawk l-operazzjonijiet użaw forza sproporzjonata. Bħala kmandant tat-truppi impenjati, Moslemi huwa fost dawk responsabbli għall-vjolenza kontra d-dimostranti. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	12.12.2022
152.	ZULQADR Ahmad ذوالقدر احمد	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Brigadier Ġeneral Kariga: Kmandant tal-korp provinċjali ta' Seyyed al-Shohada" tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) fil-provinċja ta' Tehran	Il-Brigadier Ġeneral Ahmad Zulqadr ilu l-kmandant tal-korp provinċjali ta' Seyyed al-Shohada tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) fil-provinċja ta' Tehran minn Novembru 2020. Huwa wkoll il-viċi kmandant tal-korp tal-IRGC fil-belt ta' Tehran. Skont ir-rapporti tal-media, Zulqadr intgħażel għall-kariga tiegħu speċjalment minħabba li huwa espert fir-repressjoni tal-protesti. Fl-2022, ir-repressjoni tad-dimostranti f'Tehran kienet partikularment vjolenti. Bħala kmandant tat-truppi tal-IRGC impenjati f'din il-vjolenza fuq id-dimostranti, huwa għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	12.12.2022

153.	KASHKOULI Morteza کشکولی مرتضی	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Brigadier Ġeneral Kariga: Kmandant tal-korp provinċjali ta' Hazrat Abulfazl tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) fil-provinċja ta' Lorestan	Il-Brigadier Ġeneral Morteza Kashkouli huwa l-kmandant tal-korp provinċjali ta' Hazrat Abulfazl tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) fil-provinċja ta' Lorestan. Fl-2022, it-truppi tal-IRGC taħt il-kmand tiegħu wettqu operazzjonijiet kontra d-dimostranti fir-reġjuni Kurdi tal-Iran. B'mod partikolari, twettqu operazzjonijiet fil-belt ta' Khorramabad ta' Lorestan. It-truppi tal-IRGC użaw forza sproporzjonata f'dawn l-operazzjonijiet u użaw munizzjon attiv fuq id-dimostranti. Bħala kmandant ta' dawk il-forzi tal-IRGC, Kashkouli huwa fost dawk responsabbli għal dik il-vjolenza. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	12.12.2022
154.	BAYAT Isa بیات عیسی	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Kurunell Kariga: Kmandant tat-364 brigata tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) (Shahid Nasirzadeh) f'Mahabad, fil-provinċja tal-Punent tal-Ażerbajġan	Il-Kurunell Isa Bayat ilu kmandant tat-364 brigata tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) (Shahid Nasirzadeh) f'Mahabad, fil-provinċja tal-Punent tal-Ażerbajġan, minn Ġunju 2022. Fl-2022, it-truppi tal-IRGC taħt il-kmand tiegħu wettqu operazzjonijiet militari kontra d-dimostranti fir-reġjuni Kurdi tal-Iran. B'mod partikolari, mill-15 ta' Novembru 2022, tali operazzjonijiet twettqu kontra dimostranti f'Mahabad, bl-użu ta' forza sproporzjonata u wasslu għall-qtil ta' erba' persuni. Bħala kmandant ta' unità tal-IRGC li wettqet dawn l-operazzjonijiet, Bayat huwa responsabbli għall-vjolenza fuq id-dimostranti. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	12.12.2022
155.	ASANLOO Mohammad Taghi آسانلو محمد تقی	Post tat-twelid: Provinċja ta' Zanjan, l-Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Brigadier Ġeneral Kariga: Kmandant tal-kwartieri ġenerali reġjonali Hamzeh Seyyed Al-Shohada tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) fil-Majjistral tal-Iran	Il-Brigadier Ġeneral Mohammad Taghi Asanloo huwa l-kmandant tal-kwartieri ġenerali reġjonali Hamzeh Seyyed Al-Shohada tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) fil-Majjistral tal-Iran, responsabbli għall-provinċji ta' Kordestan u l-Punent tal-Ażerbajġan. Il-kwartieri ġenerali ta' "Hamzeh Seyed Al-Shohada" għandhom il-missjoni speċifika li jwaqqfu l-inkwjet fir-reġjuni Kurdi fil-Majjistral tal-Iran. Fl-2022, taħt il-kmand ta' Asanloo, it-truppi tal-IRGC f'din iż-żona wettqu operazzjonijiet militari kontra d-dimostranti fir-reġjun Kurd tal-Iran. B'mod partikolari, mill-15 ta' Novembru 2022, it-truppi tal-IRGC taħt il-kmand ta' Asanloo wettqu tali operazzjonijiet kontra dimostranti fil-bliet ta' Piranshahr, Mahabad u Bukan. It-truppi tal-IRGC użaw forza sproporzjonata f'dawn l-operazzjonijiet. Skont l-istimi tal-NGO, l-operazzjonijiet tal-IRGC kontra d-dimostranti fir-reġjuni Kurdi wasslu għall-qtil ta' 42 persuna mill-15 ta' Novembru 2022. Bħala kmandant tat-truppi tal-IRGC fir-reġjun, Asanloo huwa responsabbli għall-vjolenza fuq id-dimostranti mwettqa mit-truppi tiegħu. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	12.12.2022".

## Entitajiet

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"12.	Islamic Republic of Iran Broadcasting (IRIB) سازمان صدا و سیماى جمهوری اسلامی ایران	Indirizz: Jamejam Street, Valiasr Avenue, 19395-3333 Tehran, Iran Tip ta' entità: kumpannija tax-xandir ta' proprjetà tal-istat Entitajiet assoċjati oħra: Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC)	Islamic Republic of Iran Broadcasting (IRIB) hija kumpannija tax-xandir ta' proprjetà tal-istat li għandha l-fama ta' leħen ir-reġim. L-IRIB hija responsabbli għall-produzzjoni u x-xandir tal-ammissjonijiet ta' ħtija furzati tad-detenuiti, inkluż il-ġurnalisti, l-attivisti politiċi u persuni li jagħmlu parti mill-minoranzi Kurdi u Għarab, b'hekk tikser id-drittijiet internazzjonali rikonoxxuti għal smigħ ġust u proċess korrett. L-IRIB għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	12.12.2022".



ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)  
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)